~~Satana~~ Iva dejjem b'dan l-Isem gewwa halqi, Isem li ghalih l-art, is-sema u l-Infern jitroghdu u jinzlu jadurawh. (Satana jaghmel sforz u jinzel jadura l'Alla u johrog minn got-tieqa. Sawlu iqum maqtugh u jaghjjat) Aghtuni l-ghajnuna . Imma min? min gie jikser il-kwiet tieghi ?

xena V.

---

Onesmo, u Sawlu, umbaghad Simon Giuda u Vito akatr tard.

Onesmo: (jidhol malajr) Sidi, xi gralek ? X'inhuwa dan il-ghajat

Simon: (jidhol huwa ukoll) Sawlu ahna hawn ma gembek biex naghtuk kull ghajnuna.... Ihossok hazin..? X'nistghu naghmlu ghalik ?

Sawlu: Xejn, xejn; ghidli, f'din il-kamra dahal xi hadd ?

Onesmo: Hawn ma jinsab hadd.....jiena kont ghassa mal-bieb ta' barra u jkun gwaj ghal min jigi jiddisturbak....

Sawlu: Imma xi hadd kien hawn u kellimni...ghadab ghalija.... xehetni ma l-art...

Simon: Ibqa fis sgur li hawm ma dahal hadd; lis-sahhar keccejtu il-barra u pprojbejtlu li jidhol fid-dar tieghi; forsi s-sawm qieghed igieghelek thewden xi ftit.....

Sawlu: Is-sawm......nhewden.....

Onesmo: Imma ghaliex ma tikolx xi haga ?

Simon: Ukoll ibni gietu anniena minnek u ried igiblek xi haga ta' l-ikel; ejja, ibni.

Vito: (jigi b'xi haga ta' l-ikel) Sinjur, thallinix narawk hekk qalbek sewda; kull xi haga milli lestejnie lek.

Sawlu: Intom wisq tajbin mieghi, izda nitlobkhom tahfruli.... ma nistax nikkontentakhom. jekk tridu taghmuli rigal kbir, nitlobkhom thalluni wahdi. (Simon, Onesmo, Vito inassu lejn xulxin u wara ftit johorgu) Morru itolbu ghalija.

xena Vl

Satana u Sawlu.

Satana: (jerga jidhol mit-tieqa) Inti tittama fil-mahfra, trid il-hniena t'Alla, meta qalbek hija hekk iebsa ? Inqas taccetta l-ikel illi dawn in-nies twajba lestewlek ? Qalb hazina.

Sawlu: Il-lehen ta' qabel....xi hsibijiet...

Satana: Ghax ma tmurx ghand tabib i tghidlu jikkuralek ghajnejk ? U mela toqghod hawn biex aktar taghrraqhom bil-biki. Fittex li tkun felici.

Saw lu: Min int, inti biex tnissel f'qalbi il-hena aktar milli ghandi; meta jiena tajt ruhi lil Kristu ma ninhtieg xejn aktar.

Satana: (jibda jsawtu i jzomlu halqu biex ma ji kellimx) Iskot jew nifgak. Xejn ma jiswielek illi isejjah l-ghajnuna kontra dak li l-ewwel kont qieghed tagdi u issa qieghed tist merru. Min qieghed isawtek huwa Satana. Tifhem ? Huwa Satana (jerga jsawtu u billi jisma hoss ta' nies jerga johrog mit-tieqa)

Sawlu: Alla tieghi, ehlisni mid-dwiefer ta' Satana.

xena Vll

Sawlu, Anania, Onesmo u Simon Gida.

Anania: (jidhlu warajh Onesmo u Simon) Hija f'Gesu' Kristu, hija bizzejjed il-grazja Divina, mill bqija id-dulur isaffi u jqaddes ir-ruh.

Sawlu; Huwa forsi l-Anglu tas-sema li gie jikkonfortani.
Jew forsi xi spiritu tal-hazen li gie biex jingannani ?

Simon; Huwa d-dixxiplu tal-Mulej ,Anania, li gie ghandek mibghut minn Alla;inhallukhom wehidkhom:immorru Onesmo (Simon u Onesmo jitilqu)

Anania; Nassikurak,hija Sawlu,li dak Gesu' li deherlek baghtni hawn (Sawlu jinzel gharkobbtejh quddiem Anania) Baghtni ghandek biex tircievi l-Ispirtu s-Santu u mill-gdid ghajnejk jinfethu biex terga tara n-natura (imisslu g ghajnejh) Qum,inti itnsab imfejjaq.

Sawlu; (iqum) Inti tassew messagier t'Alla..jiena qed nerga nara d-dawl... h Alla tieghi,tkun imbierek ghalu dejjem.... hbieb tieghi ejjew...is-Sinjur Alla fejjaqni...ejjew.... ifirhu mieghi....mill-gdid qed nerga narakhom...

xena VIII

Onesmo,Simon,Sawlu U Anania.

Simon; (jidhol ma Onesmo) Sawlu,huwa veru,inti -qieghed tara ?

Sawlu; Harsu lejn ghajnejja.....

Onesmo; Ma rridx nemmen lili n-nifsi.

Sawlu; Hekk kief it-twjjeb Anania missli ghajnejja,minnhom waqghu zewg qoxriet;jien issa qieghed narakhom.

Anania; Morru malajr gibulu xi haga x'jiekol Onesmo(Onesmo jitlaq bil-heffa) Mill-lum il-quddiem inti ma jisminx Sawlu izda Pawlu u taht dana l-isem inti tmur iddur id-dinja,taghllem il-Vangelu lil gnus kollha u tirbah hafna erwieh lil Kristu

Onesmo; (jidhol b'xi haga ta' l-ikel,jagatiha lil Anania u jerga johrog)

Anania; Hija Pawlu,ma hu xi haga fil-waqt li nirrakontalek il-grajjiet tieghi(Pawlu jiehu l-ikel,joqgod bil-qiegnda u jibda jiekol) Meta inti kont riekeb fuq iz-ziemel u armat biex tmur tohodha kontra l-Insara,jiena kont ftit boghod minn Damasko;f'daqqa wahda nilmah dija kbira u f'nofsha deherli il-Mulej u qalli: "Anania,qum u mur fid-dar ta' Simon Giuda fejn ghandek issib lil certu Sawlu imwieled f'Tarsu,inti issibu qed jitlob.

Pawlu; Veru,kont qed nitlob l'Alla jahfirli dnubieti.

Anania; U jiena nistaqsih kif kont ghidtlu:"X'ghandi nghidlu,Mulej?"
U Huwa qalli;"Mur roddlu d-dawl u ghidlu illi jiena irrid illi huwa bil-kelma tieghu ipinqi l-Isem Tieghi fil-qlub ta' kull gens u ta' kull nazzjon."

Pawlu; Oh,kemm huwa hanin mieghi ,Alla.

Anania; Issokta jghidli; "Huwa ghad irid ibaghti hafna ghalija, izda jiena wandu ma nhallieh qatt ghaliex huwa jghix fija u jiena nghix fih."

Pawlu; (ihalli l-ikel)L-ingas il-martirju ma jifridni minn Gesu' tieghi.Mill-lum il-quddiem mhux jiena nghix. izda Kristu [illegible] go fija

xena IX

Onesmo u ta' qabel.

Onesmo; (jidhol jigri maqtugh) Ahrab, salva rasek jew inkella inti tinsab mitluf.

Simon; X'gara Onesmo ?

Onesmo; Jiena bil-ferh mort nigri mat-toroq nirrakonta il-mirakklu, f'daqqa wahda dara lis-sahhar Elima quddiemi jberraq ghajnejh u nisimghu jghid; "Hallu f'idejja " u telaq; umbaghad gejt naf minn wiehed habib tal-qalb illi huwa mar jaghwi lil-Lhud kontra s-sid tieghi; allura meta gew jafu bil-konverssjoni tieghu, qatghuha li joqtluh; il-ghalhekk marru jaghlqu il-bieb tal-belt biex ma thun tista tahrab

Pawlu; Thun glorja lil Missier li diga beda jdewwaqni s-slaleb tieghu.

Onesmo; Sidi, kun af illi ga hemm is-suldati wara il-bieb , iridu il-hajja tieghek. (jitlaq)

Anania; Le, inti ghandek tghix biex thabbar l-Isem ta' Gesu' Kristu; qalu Hu n-nifsu (ihares lejn il-bieb) Simon Ghada ghandna insalvaw hajtu......

Onesmo; (jidhol b'habel u b'qoffa go idu ) Biex nehilsu minn idejn il-Lhud m'hemmx hlief trieq wahda, u din jiena biss naf biha.

Simon; Ghidilna, Onesmo.......(jistenghu ghajjat u hsejjes)

xena X.

Vito u ta' qabel

Vito; (jidhol mghaggel) Hemm barra hemm is-suldati u qabda Lhud u bhal indemonjati qieghdin ihabtu u jaghtu. Iridu jifthu.

Anania; Mulej, aghtina l-ghajnuna

Onesmo; Ejja la tibzghu , b'dan il-habel innizzluh mitt-ieqa go din il-qoffa.

Anania; Tara, hija Pawlu, is-Sinjur Alla irid isalvak biex tahdem ghalih.

Onesmo; Mà ghandniex zmien x'ntilfu (it-tahbit fuq il-bieb jikber)

Pawlu; Nizzil hajr Mulej illi diga bdejt iddewwaqni il-kalci ta' l-imrar; kollox lest biex insofri ghal l-imhabba tieghek Addio, hbieb tieghi (jaghnaq lil kulhadd u hekk bil-mod il-mod jibdew iniżżlu lil Pawlu gol-qoffa bil-habel minn got-tieqa)

Anania; (minn got-tieqa) Alla jassisti il-passi tieghek Pawlu, (jisti ma' frakas kbir minn gewwa)

Simon; Oh xi hsara qieghdin ikissru kollox.

Onesmo: Xejn hlief il-bieb ta' barra(ihares mit-tieqa) Ahrab , ja sidi (lil Simon) issa li miss l-art inhallu ukoll il-habel jaqa' ghal barra (ihallu il-habel jaqa')

xena XI

Elima, Anania, Onesmo u Simon Giuda.

suldati tas-Sinedrju u Lhud.

Elima: (jidhol mas-suldati u Lhud u qalb l-akbar frakass) Fejn hu ?Fejn hu dak l-impostur .Irridu narawh.

Anania: (bi prudenza) Alla iridu tieghu.

Elima: U ahna irriduh tieghna.Ahna gejna hawn f'isem il-Gvernatur biex naqbduh u niehduh maghna;huwa ghal-ghemil tieghu m'ghandux dritt ghal hajja.

Simon: Fid-dar tieghi ma jinsabux nies hziena;u b'liema dritt tidhlu hekk fid- dar ta' haddiehor ?

Elima: Bis-setgha li tatina l-ligi;min huwa segwaci tan-Nazzarenu ma jistax jibqa' jghix fostna il-Lhud (il-Lhud jitharrgu ghax minn irid jigglieled ghad-drittijiet tieghu)

Simon: Jiddispjacini nghidilkom illi wasaltu tard wisq; l-Appostlu ta' Kristu huwa salv (jurihom it-tieqa)

Elima: Immorru noqtluh band'ohra(fil-waqt li Elima u hbiebu kollha johorgu jigri tinghalaq il-purtiera.

Tmiem tat-tielet episodju.

IR-RABA' EPISODJU.
*********************

QUDDIEM IS-SINEDRJU ( mit-tieni episodju ghat-tielet ghaddew 16 il-sena)

persunaggi:

Pawlu, Appostlu
Anania, Kap tas-Sinedrju
Onesmar, Farizew
Giulju, centurjun Ruman
Qabda Farizej ohra, li jistghu ikunu, dawk stess li haggru lil Stefanu
Elima, is-sahhar
Suldati tas-Sinedrju.

////////////////////////////////////////////////////////

xena:

Sala tas-Sinedrju, siggijiet fejn joqghodu 7 min-nies bil-qieghda.

xena 1

Anania, Onesmar u Farisej ohra.

Anania: (jinsab bil-qieghda fuq siggu qisu tron, Onesmar fuq il-lemin tieghu u 5 Farizej ohra bil-qieghd a ma dwaru; 4 suldati il-fond tax-xena) Sommi ghorrief tas-sinagoga, dan li gara il-lum qatt ma kont nistennich. Minn mindu Alla ta' Abram ghogbu jpoggini fuq dan it-tron biex immexxi l-gens lhudi, minnflok Kajfas, ghadni qatt ma kelli naqta sentenza bhal din.....jiena kont nahseb illi bil-mewt tan-Nazzarenu sejjer jindifen kollox, fil-waqt illi qieghdin naraw illi is-segwaci Tieghu, qieghdin jimbtu kulljum bhal haxixa hazina.

Onesmar: U ghad irridu naraw illi din il-haxixa hazina tohrog il-fjuri u jkunu fjuri perlati li jarmu fwieha tal-balzmu, umbaghad jaghtu frott l-aktar bnin li min jiekol minnu ibierrk il-hajja.

Anania: (iqum imrieghex) Onesmar, x'jiena nisma minn fommok ? Jaqaw int xi wiehed minn dawk is-segwaci ta' Pawlu ta' Tarsu ? (kontra xena ta' kullhadd)

Onesmar: M'iniex segwaci, izda ghandi interess kbir niddefendih...

Anania: Mela tafu tajjeb ? Irrakkontalna xi~~h~~ haga.

Onesmar: Huwa innissel mil-familja tieghi. Fl-iskola tal-Kotba Imqaddsa huwa dejjem kien l-ewwel wiehed, tant li kien ghaggeb lil l-istess surmast tieghu Gamaliele. Meta haggru lil Stefanu huwa kien dak li kien zamm il-hwejjeg tal-qattiela. Kellu l-akbar mibghedda ghas-segwaci tan-Nazzarenu, imma f'daqqa wahda fih saret bidla kbira, stqarr ruhu Iben il-Messija...jghidu li fil-bieb ta' Damasko fil-waqt li kien sejjer ifittex lill-insara ghal-mewt deherlu n-Nazzarenu, u minn dak in-nhar l'hawn, qed jipprritka il-verita' tal-migja fostna tal-Messija.

Anania: Mignun. Kieku gie il-Messija, konna inkunu ahna li naghrfuh bhala sultan tghana, izda il-Messija ghad irid jigi fostna.

Onesmar: Huwa rama' il-hwejjeg ta' fuqu lussuzi u libes il-libsa tal-penitenza u sa wasal biex fl-isem tan-Nazzarenu li huwa jistqarr, jaghmel l-ghegubujiet.

Anania: Inti temmen f'dana kollu ?

Onesmar: Jiena nemmen; huwa in-nifsu mar jghidli:" Qaribi, Gesu' dewwibli qalbi fl-imhabba tieghu, bhalma x-xemx idewweb is-silg fuq il-gholjiet."

Anania: (inkurlat) Mur obsor li bejn l-erbgha hitan ta' dan it-Tempju imqaddes jinsabu l-eghdewwa taghna.....

Onesmar: Ahfirli, Sommu Sacerdot, ehdewwa le. Ghidtlek ill Sawlu huwa kugin tieghi, u ma nsib ebda raguni illi ghandu jigi ikundannat ghal-mewt......

Anania: Huwa qaleb ta' taht fuq il-Palestina. F'Gerusalemm rawh miexi mat-12 id-dixxipli tan-Nazzarenu u folol kbar ta' nies jimxu fuq il-passi ~~tieghu~~ taghhom.

Onesmar: Dan ifisser illi -qieghdin jipprritkaw is-sewwa.

Anania: Nobbli Onesmar. Iggieghlnix nigbed bhala xhieda lil dawn is-sinjuri u nressqek quddiem Erodi ghaliex tista tmissek l-istess xorti tal-kugin tieghk.

Onesmar: Jiena ma nsib ebda htija tal-mewt la fija u l-anqas fil-kugin tieghi, Sawlu.

Anania: Ebda htija min irid jaqleb il-ligijiet ta' Mose' u jbiddel id-duttrina taghna ? Issa naraw meta jgibuhuli quddiemi.......

xena 11

Is-sannar Elima u ta' qabel kollna.

Elima: (Jidhol kollu komplimenti u jbaxxi rasu sa l-art quddiem Anania) Magoh, jiksi/A ir-ras tieghek bil-ward, ifewwahlek h.ejjgek bil-mirra u jindura t-tron tieghek bid-deheb, o sommo Pontefice Anania (isellem).

Anania: Sahhar Maghruf Elima,gibtilna xi ahbar minn Gerusalemm?
Elima: Gej biex nghidilkhom illi dak Sawlu illi minnu bhal issa tant qieghdin jitkellmu,il-Lhud qabduh uhaggruh; dam saghtejn qisu mejjet,imma f'daqqa wahda fetah ghajnejh,qam u b'hegga kbira minn qabel beda jipprietka fuq Gesu' ta' Nazareth,fejn qal li Dak kien l-Iben t' Alla u tlitt ijiem wara mewtu /qam minn bejn l-imwiet u tela' s-sema (jitbi sem b'ironija)
Anania: (idur fuq il-farezej) Qieghdin tisimghu ?
Farisej: ~~Haqqu il-mewt bhal l-Imghallem tieghu.~~
Anania: (lil Onesmar) Lil dan in i gejt biex tiddefendi ?
Onesmar: U jekk huwa veru illi Dak li ikkundannajna ghal mewt tas-Salib kien il-Messija ....?
Anania: Onesmar,qis kliemek......Dan it-tmpju ikkonsagrat l' Alla ta' Abram m'ghandux jigi ipprofanat bid-dagha tieghek.
Farisej: Ghal-mewt il-midghajja.
Onesmar: Kemm ili nghix tant dan is-saqaf minn mindu deher fostna in-Nazzarenu ma tismax hlief sentenzi tal-mewt..... Xi hsibti li qieghdin toqtlu....il-hrief ghas-sagrificju ....? jew xi gemel marid...?
Anania: Qieghdin noqtlu lil-eghdewwa taghna.
Onesmar: Il-kugin tieghi Sawlu m'hu ghadu ta' Hadd.....ma dan kollu jaf huwa kif ghandu jiddefendi ruhu....
Anania: Sahhar Elima,inti rajti b'ghajnejk lil ghadu taghna..?
Elima: Jiena li ghandi s-setgha ntir u nidhol kullimkien xewwixt lil Lhud biex jiendu lil Sawlu ghand il-Gvernatir ta' Ruma li jismu Lisia u huwa gieghel lis-suldati jifflagellawh biex jitkellem ghaliex il-poplu kien ihobbu (kontra xena ta' Onesmar) u umbaghad rabtuh bil-glud.
Anania: U Sawlu x'qal ?
Elima: Huwa qal lic-centurjun li qed iharsu:" Ma jistax ikun li inthom issawtu lil wiehed Ruman minghajr ma jsir il-haqq" u il-Gvernatur Lisia qabbad lis-suldati biex j igibuh ghandek
Anania: Tajjeb nienduh f'idejna Ahna.

xenalll

---

Pawlu,Giulju,4 suldati Rumani u ta' qabel Kollha.

Giulju: (jidhol,u wrgh 4 suldati Rumani qieghdin izommu lil Pawlu marbut bil-ktajjen u kollu dmija) Sommo Pontefice (isellem) Il-Gvernatur Lisia baghtna ghandek biex taghrbel inti l-eghmil ta' dan il-bniedem ghaliex huwa ma sabu hati f'xejn.
Anania: Tajjeb,kont qieghed nistennik.(lil Pawlu) Inti taf ghaliex bghatuk hawn ?

Pawlu: jiena sal-lum dejjem ghixt kif trid il-ligi taghna.

Anania: (lil Farisej) Huduh bil-harta (wiehed mil-Farisej jaghti daqqa ta' harta lil Pawlu)

Pawlu: (lil Anania) Ghajb ghalik, kbir Sacerdot, izda kun af li Alla ghad jilhqek (Anania jaghdab ghalih)

Onesmar: (imur fuq Pawlu u jaghnqu u jbusu) Kugin tieghi, ghaidli min hu a dawk li hasluk bidd-demm? Irrid nivvedika ruhi. (u fil-hin idur fuq is-suldati)

Pawlu: Le qarib tieghi; ghandna nahfru bhal ma hafer l-Ighallem lil dawk li salbuh (idur fuq il-Farizej) Lilkhom (kontra xena tal-Farizej)

Anania: Sawlu, harxa sejra tkun is-sentenza tieghek; erga lura ghat-tradizzjonijiet tal-ligijiet taghna

Pawlu: Qatt aktar....qatt

Anania: (lil Farizej) Sejhu lils-suldati taghna u hemm f'dik il-bitha haggruh ghal-mewt.

Onesmar: Dan ma jkun qatt. Qaribi, iddefendi ruhek .....qieghed fid-dritt tieghek

Pawlu: (lil Anania) Inti illi qieghed hawn biex taghmel haqq minni taf illi trid taghmel haga kontra il-ligi.

Farizew: Qatt ma kien immissek tishet lil kap tas-Sacerdoti....

Pawlu: (li bhal dan il-mument qisu Kristu quddiem Kajfas) Jiena ma kellix fehma li nonqsu.....fost kollox irrid nghidilkom illi jiena ukoll Farizew (ma din il-kelma il-Farizej iqumu u jghajtu) "Viva ic-cittadin taghna. Halluh u tuh il-helsien( Ghagha kbir fost kulhadd. Anania jaghmel is-sinjal lil-4 suldati li hemm fil-fond tax-xena, dawn johorgu x-xwabel u jmorru kontra Pawlu, Giulju jaghmel sinjal lis-suldati Rumani li giebu lil Pawlu; dawn ukoll johorgu x-xwabel u jmorru favur Pawlu mal-Farizej; issir taqtigha tal-bizgha, Anania jmur fin-nofs u wiehed mis-suldati tieghu minghjar ma jrid jinfidlu sidrhu bix-xabla)

Anania: Kellerat. (ghaldin il-ghajta jieqaf kollox, Anania jigbed l-attenzjoni ta' kullhadd ) Inti...? (ihares lejn is-suldat li ferih) Inti l-iben tieghi, qtiltni (jispira)

Suldat: (jarmi x-xabla u jinxtehet fuq Anania) Missier...il-haqq tas-sema wasal waqa' fuqek; Pawlu qallek li Alla ghad jilhqek, u ibnek minghajr ma ried nifidlek qalbek. Pawlu, inti bniedem t'Alla u jiena ninghaqad mal-fidi tieghek, nemmen fin-Nazzarenu (jinxtehet ghar-rkobtejh f'riglejn Pawlu u l-ohrajn jinzlu ghar-rkobtejhom ukoll)

Pawlu: Hija f'Gesu' Kristu, ma kontx jien li hsilt lart ta dan it-tmpju bidd-emm ta' missierek u anqas kinet ix-xabla tieghek, izda bhal ma tara kien id-Driegh t'Alla; nittama li Alla jkollu hniena minnu; u inti hija, hawn ma qalbi (jaghnaq lis-suldat) U jiena bhala cittadin Ruman ma jibqaghlix hlief li nappella ghand Cesare. Iva, issa minn hawn dritt ghand Cesare, fejn ghadu kemm wasal is-sultan

**Pawlu;** Agrippa. Allura nitlob lil Preside Festo biex nidher quddiem Cesare f'Ruma (idur fuq il-katavru ta' Anania) Inti ma riedx tagħraf il-migja tal-Messija, izda bhal issa ruhek tinsab ma gemb il-kobor tal-glorja tieghu biex jagħer haqq minnek. Qum u tkellem f'isem il-haqq li ghandek quddiemk u ghidilna jekk dak li qtiltu fuq is-salib kienx tassew l-Iben t'Alla

**Lehen;** Kien l-Iben t'A lla. ( Straight to [illegible] )

**Farizej;** Ahna nemmnu...ahna nemmnu...ahna mieghek ~~Sawlu~~. Pawlu.

**Pawlu;** U Gesu' maghkhom. Imorru mela.....(meta ghoddu kulhadd hareg wara Pawlu )

**Elima;** (li kif dahal im xena Pawlu mar jinheba, issa jaqbes f'nofs il-palk bhal demonju) Jiena offrejt ruhi li ghandi inkun il-qaddej ta' Lucifru. Sawlu,,, Sawlu.... pass pass irrid nimxi wara il-passi tieghek u hemm gewwa Ruma tkun it-taqtigha taghna; inti bl-isem ta' Gesu' Nazzarenu mitbugh fuq gbinek, u jiena b'ezercitu ta' demonji gewwa ruhi u tara kif l-infern jirbah( dahqa satanika; il-partiera tagħalq minnfih.)

TMIEM IR-RABA' EPISODJU.

INTERVAL

## IL-HAMES EPISODJU.

************************

### NAWFRAGJU F'MALTA.

(ghaddiet sena)

persunaggi:

Pawlu, appostlu
Luqa, appostlu
Trofimu u
Aristarko, hbieb ta' Pawlu
Giulju, centurjun Ruman
Balam, pagan Malti
Satana
Suldati Rumani u poplu Malti
Onesimo

///////////////////////////////////////////

M421KA 6

xena:

xtajta fil-gzira ta' Malta.

xena 1

(hekk kif tiftah il-partiera fix-xena ma jinsab hadd, l-ajru imsahhab u ma jintamax hlief rih qawwi w l-bahar ihabbat terribilment mal-blat. )

Satana: (jidhol imkebbeb f'mantell) Kristu b'harsa qanqal il-bahar u b'kelma raga' waqqfu u mexa fuq il-mewg tieghu. (jitbissem) Izda jien ukoll ghandi is-setgha inqajjem il-bahar u nimxi fuq il-halel tieghu (jithaq) Din id-darba il-bahar qanqaltu jien, Lucifru. Id-destin kien li Pawlu jmur Ruma biex jappella quddiem Neruni u hekk jaqla il-grazzja tal-helsien, iwaqqa fit-trab l-idoli tieghi u minn Ruma jaghmel santwarju ta' l-Insara. Izda jiena qanqalt din it-tempesta tal-bahar, w-x -xieni li fuqha qieghed jivvjagga Pawlu biddlet ir-rotta taghha. Hekku ix-xieni tinsab ma gemb il-blat tal-Gzira ta' Malta; il-qlugh qieghdin jiccartu....ix-xieni qieghda tilfarraq .....paqlu qabes il-bahar u mieghu l-ohrajn kollha..... qieghdin ifittxu li jaqbdu mal-biccict ta' l-ghuda..... Imma kollu ghal xejn , il-bahra sejjer ikun il-qabar tieghh taghhom. Jiena din it-tempesta ma nzommiex qabel ma nara mejjet lil Pawlu (it-tempesta ghada sejra) Izda x'jiena nara....il-Maltin jigru bil-hbula....halla bahar difnet lil kullhadd..oh, rabbja...hadda ma ntilef....il-Maltin qieghdin jixhtu il-hbula fil-bahar....qieghdin jigbdu

Satana: bniedem.......tellgħuh fuq il-blat.....oh,sahta.... huwa Pawlu.Battalja oħra mitlufa.Izda hemm ġewwa Ruma zgur ma tirbaħnix.Ħalli immur inlestilek it-triq u dalwaqt nerġa lura(jitlaq bħal sajjetta)

x ena 11

Ġulju b'4 suldati miegħu,Balam u Maltin.

Giulju: ( jidħil ma 4 suldati bla elmu f'rashom u imxarbin għasra) u qiegħdin jieklu laringa kull wieħed:lis-suldati) Ninsabu fuq il-ġebel ta' din ic-ckejkna gzira ta' Malta (qalbu sewda) Inpoġġu ftit (jinxtentu ilkoll fl-art;it-tempesta naqqset ġmielha) Rajniha kerha....nistgħu ngħodduha b'wahda.....

L-1 suldat: X'sejjer ikun il-futur tagħna ,?

Giulju: Staqsu l'alla Nettuno;ħlisna mil-għarqa u sejrin im-mutu bil-għera u bil-ġuħ....jekk ma nsibux minn jagħtina l-għajnuna....

It-2 suldat: Ajnar bqajna sejrin wara dawk in-nies li tellgħuna mil-baħar.

Giulju: Stajna bqajna sejrin wara l-Appostlu Pawlu.huwa tant hu dħuli;taf x'hemm tajjeb illi din il-gzira ma fihiex f'hiex tintilef.

It-3 suldat: Għadna fil-waqt biex immorru nilħquhom;milli tidher in-nies ta' din il-gzira huma qalbhom tajba ħafna.... ma rajtux....x'baqa m'għamlux biex salvawna mill-ħalel tal-baħar....

Giulju: Qed jiġini ħsieb:Malta tagħmel ukoll parti mill-Ajkla Rumana;immorru għand il-konslu Ruman......

Ir-4 suldat: U dawk l-ilsira li ħallejna wrajna ?

Giulju: Dawk naħsbu għalihom aktar il-quddiem;għal issa jinħtieġ li naħsbu għal rasna

L-1 suldat: Kienet grazzja kbira ta' l-allat li salvawna.

Giulju: Kien il-kuraġġ u il-qawwa ta' Pawlu,kienet is-setgħa u l-għajnuna li tah Alla tiegħu;tiftakru meta qalilna li ħadd ma għandu jintilef ? U bħal ma rajna ma għereq ħadd.......izda ħuti jiena qed immut bil-bard. Mathossuhiex din il-kesħa tidħol fil-għadam ?

It-2 suldat: Ċenturjun,hemm bzonn qabel xejn innixfu ħwejjigna....

Giulju: Ix-xemx għada ma wrietx ir-raġġi tagħha,il-baħar għadu imqalleb ġmielu.It-tama waħdanija hi li nagħmlu kif għidtilkhom:infittxu...nistaqsu sakemm insibu il-konslu Ruman...jekk jeziztr.

Balam.: ( li sadattant ittawwal min bejn il-kwinti joħroġ fuq il-palk bla ma jindunaw bih is-suldati,jagħmel sinjal b'idu,u għal dan is-sinjal kotra ta' Maltin jaqbzu fuq is-suldati u jzommu lis-suldati b'saħħa. Is-suldati huma imwerwra) Tħallu jaħrab lil ħadd.

u Kotra Maltin

Giulju: (lil Balam) Rajjes, ahna ukoll nitkellmu bl-ilsien tiegħek semitiku.....Bhal ma taraw m'ghandna xejn x'tohdulna.

Balam: Ahna m'ahniex hallelin...irridu nafu min intkom? Hawn tisabu fi hwejgi u dawn huma l-Ilsiera tieghi.

Giulju: Ahna suldati Rumani u ghadna kemm salvajna mill-gharqa...

Balam: Jaqaw kontu fuq dak il-bastiment li tafrrak mal-blat ?

Giulju: Precisament: ghadek tista tara il-bicciet tieghu...

Balam: Irsiera, itilquhom. (lil Giulju) Ahna ma rridu xejn minn ghandkhom; jekk inthom huamni, fina issibu l-ghajnuna.

Giulju: (Issa li sabu ruhhom hliesa minn idejn il-Maltin jaghmlu kuragg) Nizzikhajr, Rajjes, m'ghadna xejn x' noffrulek, hlief il-hwejjeg ta' fuqna...

Balam: U xejn marridu hlief li tirrakuntawlna il-gnajjiet taghkohm....

Giulju: Bil-qalb kollha: Jiena u dawn is-suldati gejna inkarigati mil-preside Lisia biex minn Gerusalemm inwasslu lil certu Pawlu f'Ruma biex jappilla quddiem Cesare ghaliex akkuzat lu huwa hati tal-mewt billi qieghed ixerred certa duttrina gdida ta' certu Nazzarenu li qattluH fuq is-Salib

Balam: Interresanti. Issokta.

Giulju: Allura hadaa il-bastiment Adramitta mill-port ta' Adromita u gbidna ghal-kosta ta l Asja; inzilna Sajdun u billi ir-rih beda jonfoh fil-wicc, sheNnejna f'Cipru. Wara jumekn wasalna Listra u Lixandra, sibna bastiment li kien sejjEr l-Italja u ma Pawlu , shabu u l-ilsiera qadditfa taghna qbadna ir-rotta ghal Ruma. Ir-rih beda janqasna g mielu Niz-zINNA, il-qlugh il-kbir u bil-mod il-mod wasalna f'Boniparti. Il-qalbieni Pawlu bil-wieqfa u b'lehen gholi qalilna: " Ma nirtharkux minn hawn ghax hajjitna qieghda fil-periklu" Izda ahan ma tajniex widen u bqajna sejrin. Hiema sfortuna. (jirrakonta hafif) It-temp beda jitghajjeb, ix-xEmx tkefnet fi shaba sewda u il-kwiekeb hbEw ghajnejhom. Irwiefen bdew ivevvnu u jsaffru ma l-arbli, il-qlugh iridu jitqacctu; il-halel ta' l-ilma wahda f'wahda donnhom bhal zwiemel tat-tigrija jaqbzu il-bastiment taghna u donnhom iridu jitfgHuna tahthom ghal dejjem Il-bastiment issa tiela donnu fuq gholja u Issa jinzel fil-qagh tal-bahar; kullhadd izomm mal-hbula u jaghjjat "Giove salvana" Imma pawlu b'ghajnejh lejn is-sema beda jitlob l-ghajnuna lil Kristu.

Balam: Kristu ? Isem gdid ghalija ?

Giulju: Huwa l-Isem ta' dak li qatlu fuq is-salib; Huwa il Kap ta' din is-setta il-gdida ta' l-insara; Kristu huwa Alla ta' Pawlu li qieghed jippritka ma kullimkien.. ..

Balam: Jixtieq harah lil dan il-bnieden....Izda nitolbok Issokta irakonta fuq dan in-nawfragju hekk ta' l-ghageb..

Giulju: Ghidtilkohm illi il-qalbieni Pawlu kien junsab ghar-rkobtejh,ihares lejn is-sema u jitlob;ahna biex inhaffu bdejna nitfghu fil-bahar it-toghbija,u konna tlifna kull tama tas-salvazjoni;hadd ma miss ikel ma xoftejh;minn jibki u min irid jaqbes qalb il-halel tal-bahar biex imut kmieni;izda hawn lehen Pawlu li kien jidwi aktar mir-rih,esklama:" Huti,l-anglu t'Alla gie ikellimni : qawwu qalbkhom:jiena sejjer naghmlilkhom wieghda illi barra mil-bastiment hadd minna ma jintilef;l-Anglu qalli illi jiena ghad irrid nidher quddiem Cesare." Malli beda jbexbex dehrilna li konna qieghdin naraw xi art; tfajna go l-ilma l-iskandal u sibna li kien hemm 15 il-qama ilma;hawn tfajna il-bahar l-4 ankri sakemm jisbah u majnajna il-qlugh;Pawlu stedinna biex niklu xi haga u maghan kiel huwa ukoll ghaliex kien ilna 14 il-gurnata ma naghmlu ikla sewwa....Pawlu zarga' qal: " hadd minna ma jitlef xaghra minn rasu."

Balam: Xi kemm kontu tivvjaggaw ?

Giulju: Konna 275 ruh;imbaghad ma z-zerniq ergajna erfajna l-ankri,u l-mewg beda jitfaghna lejn l-art;hawn halla bahar tal-biza habtitna ma ponta ta' blata u l-poppa tal-bastiment tfarket.Kullhadd tilef rasu,l-irsiera riedu jaharbu u jiena ircevejt ordni li skond il-ligi lil dawn ghandna noqtluhom ilkoll,u billi lil Pawlu kont inhobbu ried insalvah;ghalhekk tajt ordni li min jaf jghum,jinxtehed il-bahar biex jaqbad l-art u hekk bil-ghajnuna tal-qalb taghkom il-Maltin salvajna ilkoll.

Balam: L-ohrajn fejhom ?

Giulju: In-nies twajba ta' din il-Gzira daru maghhom u min gibilhom libsa u min ftit imbid....o ahna hadna din it-trieq.....

Balam: Ilsiera,morru igbru xi zkuk tas-sigar u qabbdu huggiega u wara illi inniffuhom nisquhom l-ghasel u xi ftit halib (l-ilsiera jitilqu kollha)

Giulju: Hekku Pawlu li minnek kellimtek;arah gej l-hawn ma shabu Issa tara xi b niedem....ghandu ghajnejh jisirqulek qal-bek bhalma seraq lili.

Balam: L-allat Erkole u Merkurju jaghtuh il-merhba.

xena 111

Pawlu,Luqa Trofimu,Arestarko,Onesmo u ta' qabel.

Pawlu: (jidhol,u warajh Luqa,Trofimu, Arestarko o Onesmo: hadd minnhom ma huwa imxarrab ghaliex it-twajba Maltin diga hasbu biddlulhom) Kemm ghandna naghtu hajr l-Alla li nizzilna ghajjin fuq din il-gebla bajda mahsula mil-mewg tal-bahar.(jiftah idejh) O Malta sabieha.Issa illi

**Pawlu:** it-tempesta bdiet tieqaf irrid noqgħod nikkontemlak;
O Gżira ckejkna ,x'inhu dan illi qiegħed idewwibli qalbi bil-hena,? Minn mindu riġlejja rifsu fuq il-ġebel tiegħek inħoss bħal Ruħ il-qodos jimlieni bl-imħabba lejn uliedek. Din ir-rieħa ta' plejju taħt riġlejja...dawk is-siġar tal-ballut li qed nilmaħ fil-bogħod....dak ir-raba jħammar bill peprin....dommhom ħuġġiega....iva,ħuġġieġ li qiegħda taqbad hawn ġewwa qalbi....O Gżira ckejkna.... forsi sejra tkun int il-beniena li traqqadni fuq qalbek? Sejra tkun int li tagħmaq il-fidi li ġibtlek miegħi ? Inħoss bħal leħen misterjuż jgħidli: inti għad trid tkun binti u jien għad irrid inkun missirek....Appostlu Luqa ,ħbieb tiegħi Trofimu u Arestarko,int ukoll Onesmo ninżlu għal-darba aħna inbusu din l-art imbierka li laqgħetna qalb il-fwieħa tal-ward u sqietna l-għasel w l-ħalib mitt-azza tad-deheb ta' ħi wwitha u libsitna. (barra mis-suldati u Balam ilkoll jinżlu ibusu il-blat tal-Gżira) Ukoll il-blat tiegħek fih togħma ta' zokkor, w s-sema tiegħek ikħal iħenni kull qalb.(it-tempesta tieqaf għal-kollox) Issa dan il-baħar illi ftit ilu ried taħtu jidfinna sar donnu art miksija bid-deheb; ħarsu ftit;ix-xemx firxet ir-raġġi tagħha(il-palk jintela' bidd-awl tax-xemx).

**Luqa:** Appostlu Pawlu, tisthajlekx quddiem ix-xmara tal-Ġurdan, fejn l-Imgħallem tagħna ircieva il-Magħmudija ? Jiena kont hemm preżenti.

**Trofimu:** Ixxurtjat int,Luqa li assistejt għal dan l -ewwel Sakrament....

**Pawlu:** Is-Sakrament tal-Magħmudija.....(waħdu) Kemm nixtieq li ukoll f'din il-Gżira ckejkna inwaqqa l-Idoli moqżieża u ras kull nadd tiġi maħsula bl-ilma tas-sakrament tal-magħmudija.

**Arestarko:** Pawlu(jiffisssah) ,inti qiegħed tibki,għajenjk ħmaru bħan-nar;issa t-tempesta waqfet,qalbna għandha tkun ferħana....ferħana bħal dawk l-għasafar li għemm jittajru fuq dawk is-siġar tal-ballut....

**Onesmo:** Forsi għadek taħseb fil-ġrajjiet ta' Damasko ?Tiftakar x'mument ?Iż-żiemel tiegħek kien ħarab u kien għoddu qatel xwejjah....dak kien missieri....

**Luqa:** X'inti taħseb,Pawlu.

**Pawlu:** Qabadni bħal bard,imma bard qawwi li donni irrid immut.

**Balam:** (jersaq fuq Pawlu u quddiemu ibaxxi rasu sa l-art) Rabbi, jiena għadni ma nafekx u anqas int taf lili,iżda b'dan kollu jiena nistiednek li inti ma sħabek tersqu ma ġemb dik il-ħuġġiega li l-ilsiera tiegħi qabbdulkom biex itaffu il-bard(sa dattant minn bejn il-kwinti jidhru ħiereġ/ħerġin leħħiet tan-nar u/wrajh/jidħlu/sħabu/kollha Tal-ħuġġiega. )

Pawlu: Oh,provvidenza tas-sema (lil shabu) Imxu nishnu ftit, Gesu' Kristu jkun jafulek.(jidhol minn fejn jidru hergin il-lehniet tan-nar.warajh jidhlu shabu kollha.)

Balam: Suladti,imxu inthom ukoll,ftit shana taghm/lilkohm tajjeb (Giulju ma l-4 suldati jidhlu min fejn dahal Pawlu.Balam baqa wahdu.)" Gesu' Kristu jkun jafulek." Min jista' jkun dan Gesu' Kristu ? Dan bil-fors xi alla gdid.....l-allat taghna huma Giunone ,Prosperina,Erkole u Markurju.Ahna l-Maltin m'ghandniex allat ohra hlief dawn li nemmnu fihom u huma bis imexxu d-destin taghna.

xena lV

Pawlu, Luqa, Trofimu,Arestarko,Onesmo,Balam,Giulju ma l-4 suldati u kotra kbira ta' maltin.

Pawlu: (johrog minn bejn il-Kwinti b'lifgha imdendla ma sebghu) Hadd m'ghandu jibza. (jidhlu in xena Luqa ,Trofimu, Arestarko,Onesmo Giulju,sulldati u Maltin)

Balam: Imma dan bniedem qattiel..... (mistgtrogla)

Maltin: Iva,iva,dana qattiel....

Balam: Helisha mill-bahar w s-sema lahqu b'mewt l-aktar qalila. Il-velenu ta' din il-lifgha sejjer ikun it-tmiem ta' hajtu.

Pawlu: (jersaq in-naha tal-huggiega iferfer sebghu u jitfa' il-lifgha fin-nar,bejn il-kwinti,li ma jidhirx hlief il-lehna tieghu)Qieghdin taraw b'ghajnejkhom ?

Balam: (mistaghgeb) Kif ? Dana huwa ghageb kbir.Hadda ma jehles mil-mewt tal-lifgha u dan ghadu haj.....

Giulju: Jiena dejjem ghidt illi dana Pawlu huwa xi alla....huwa xi haga kbira li ahna ghadna m'gharafniex.....

Balam: Iva,huwa Erkole;ejjew inqimuh bhala alla taghna... irsiera,morru oqtlu l-isbah haruf halli noffruhulu bhala sagrificcju fuq in-nar ta' din il-huggiega.

Pawlu: Le,uliedi, Gesu' Kristu kien qal lill-appostli;" Jiena naghtikhom is-setgha li taghfgu is-srdip velenuzi bejn ine idejkhom u gisimkom jibqa bla ma jittiefes. Harsu lejja (jiftah idejh ferhan)

Luqa: Dana kien qalu lilna stess,u jiena nizzilti fil-ktieb ta tad-deheb fl-Atti ta' l-appostli;hekk ukoll sejjer nikteb b'ittri tad-deheb dan l-ewwel miraklu li hija f'gesu' Kristu,l-appostlu Pawlu ghamel fil-gzira taghkom biex jibqa jissemma ma tul is-sekli.

Pawlu: Uliedi,:mhux lili ghandkom taghtu qima izda lil Dak illi bil-mewt tieghu fethilna il-bibien tas-sema.Inthom bhal miljuni ohra ghadkom tghixu fid-dlam tal-paganezmu u tqimu l-allat foloz,izda inhoss illi wasal iz-zmien ghalikom ukoll illi fuq dan il-blat abjad taghkom,tinzel is-saltna tas-sema,saltna imfewha mill-erwieh safja

Pawlu: tal-bjuda t/s/sill/ tal-gilju, imxarba bid-demm ta' l-ewwel martri Stefanu u nkurunata mill-mara imbierka ta' Batlemm, mix-xirka ta' l-apostolat imqaddes ta' dawk li jimxu fuq il-passi imqaddsa tan-Nazzarenu. Malta, ghalik ukoll hemm post fis-sema; uliedi Maltin, Dak Alla li halaq kollox, li ma taqax werqa minn fuq sigra minghajr ir-rieda tieghu dawwar ir-rih w l-mewg tal-bahar, tefghani fuq il-gzira taghkom biex jiena inkun il-missier u intkom tkunu uliedi f'Gesu' Kristi.

Balam: (idur b'solennita' fuq l-irsiera) Huti mill-lum il-quddiem intom m'ghadkomx irsiera tieghi, sejjer nerhikom f'idejh; ejjew nimxu urajh, inthom tinsabu hielsa.

Maltin: Ikun imbierek dak il-mewg u dak ir-rih li wasslek fi hdanna; Viva il-Fedej taghna! (ferhanin)

Balam: Rabbi ghidli; ghandna nibzghu aktar mill-velenu tal-lifgha u tas-sriep ?

Pawlu: Le, il-lifgha m'ghandix aktar setgha fuq il-hajja taghkom u minn dan taghrafu illi jiena ~~[illegible]~~ gej mill-veru Alla ta' l-Insara.

Maltin: Evviva Alla ta' l-Insara. (fil-waqt lil il-Maltin jerfghu fuq idejhom lil Pawlu qalb il-ferh u l-ghajjat u hergin bieh, tinghalaq il-purtiera.)

TMIEM TAL-HAMES EPISODJU.

# IS-SITT EPISODJU.
**********************

## PUBBLJU MAHTUR ISQOF TA' MALTA

( Mill-hames episodju ghas-sitt episodju ghaddew xahrejn)

persunaggi:

Pawlu
Luqa
Pubblju
Trofimu
Arestarko
Giulju
Onesmo
Balam
Elima
Sestu u Maltin.

////////////////////////////////////////

xena:

Sala rikka fil-palazz tal-princep Pubblju;ghadna dejjem fil-gzira ta' Malta.

xena 1

Sestu u Elima.

Elima: (lil Sestu li qieghed jirranga xi fjuri fuq il-mejda) Zaghzugh,festi kbar il-lum f'dan il-palazz ?
Sestu: Iva,il-princep sinjur tieghin wara li rcieva il-maghmudija,il-lumm ghandu jigi l-appostlu Pawlu biex jahtru Isqof ta' Malta u Ghawdex.
Elima: Dak li salva mill-gharqa?
Sestu: B'miraklu,sinjur.
Elima: U zgur li nafu lil Pawlu.....(jitbissem)
Sestu: Imma nista' nkun naf minn int? Qatt ma kont rajtek qabel?
Elima: Jiena verament m'ghandix isem.....m'ghandix belt.... jiena qatt ma gharaft lil dawk li gabuni fid-dinja;ghani kemmtridni,u ggalhekk l-ghors tieghi illi niggerra maddinja(jitbissem)
Sestu: Inti tlabt lil xi hadd biex dhalt f'din id-dar?
Elima: (b'malizja) U sgur......kien hemm suldat wara il-bieb, hareg ix-xabla u biha ghamilli sinjal biex nghaddi u jien ghaddejt (jitbissem)

**Sestu:** N'ista' naf xi trid ?

**Elima:** Nitkellem mas-sinjur tieghek Princep Pubblju,l-akbar ghani ta' din il-gzira.

**Sestu:** Poggi bil-qieghda,dalwaqt mieghek. (jogrog)

**Elima:** (meta sab ruhu wahdu) Min jien ? Mnejn jien gej ? (jitbissem) Mur staqsi l-infern fejn jaghmmru l-ispirti tad-dlamijiet;Satana ghamilni strument tieghu u jekk ifettillu jibghatni fl-ahhar tad-dinja,jaqbadni u jitfaghni bhal sajjetta fejn joghgob lilu;din idd-darba tefghani go din il-gzira u il-missjoni tieghi hija propju hawn f'dan il-palazz.....jekk dan il-princep jigi mahtur isqof ta' Malta u ta' l-insara ,il-Gzira kollha tikkonverti ghal Kristu ghaliex daqs Pawlu ghandu influenza fuq il-poplu tieghu.......izda ninsab hawnhekk jiena,u jien u Satana xorta wahda,galadarba huwa jaghmmar fija (jidhaq,wasal xi hadd (serju)

xenall

Pubblju u Elima.

**Pubblju:** (jidhol liebes gala u jmur fuq Elima)Lil min ghandi l-unur nircievi ?

**Elima:** (iqum u jaghmel hafna riverenzi kif titlob is-sengha tieghu).Eccellenza Pricep,forsi rajtu dak il-bastiment bil-qlugh ahmar li jinsab f'dak il-port ~~hawn~~ ic-ckejken taht il-palazz tieghek.......

**Pubblju:** (imur ihares mit-tieqa) Nistqarlek li ghandi qatt ma rajt bastiment bhal dak.

**Elima:** Dak huwa tieghi......joghgobni il-qlugh ahmar...(jitbissem

**Pubblju:** Allura inti......?

**Elima:** Hekku.....jiena gej minn nisel is-slaten,qieghed indur id-dinja,u kien xieraq illi malli poggejt girlejja fuq din l-art sabieha ta' Malta,l-ewwel zjara nghamilha lilek,il-princep ta' dawn il-gzejjer.....

**Pubblju:** Merhba bik fid-dar tieghi...... u la darba inti gej minn nisel is-slaten,taghmmilli unur jekk togghod tkompli mal-festi tieghi.

**Elima:** Festi kbar ?

**Pubblju:** X'jidhirlek ......l-appostlu Pawlu li ghoddu ~~hawn~~ ikkonverta lil gzira kollha ghad-duttrina gdida tan-Nazzarenu,jixtieq illi qabel ihalli dawn il-Gzejjer, ikollu rappresentant tieghu fil-persuna indenja tieghi.

**Elima:** Fhimt.......sejjer jahtrek isqof biex tkun tista tissokta il-missjoni tieghu........

**Pubblju:** Hekku,dalwaqt narawh hawn lill-appostlu Pawlu Mal-hbieb tieghu

**Elima:** L-appostlu Pawlu.......(jidhaq) Minn Tarsu ? - - -

**Pubblju:** Tafu ? - - -

Elima: Daqs kemm huwa popolari.....ukoll lili ried idahhalni fix-xirka tieghu.....izda jien li studjajt u qallibt l-iskrittura kollha u l-iskritti ta' Atene,rajt illi dan Pawlu ma hux hlief bniedem fantastiku u ghalhekk din id-duttrina gdida li qieghed jipprietka, ma hix haga ohra hlief qerq,invenzjonijiet biex fuqu jigbed il-glorja tad-dinja u fl-ahhar ipoggi il-kuruna tar-rand fuq gbinhu.

Pubblju: (mistagngeb) X'inti tghid,sinjur....?

Elima: Ma jistax ikun illi hemm qawwa,illi hemm setgha illi tista iggarraf il-qima ta' l-allat taghna. (b'ironija) Pawlu jaf jghidilkohm anjar minni daqs kemm xerred demm ta' l-insara u issa......

Pubblju: Kliemek huwa falz ,sinjur...Pawlu tani l-akbar provi illi m'hemmx hlief Alla iwehed u ghalhekk jiena qabbadt lil qaddejja tieghi biex ifarku l-idoli kollha u fuq il-bieb tal-palazz tieghi poggejt is-salib bhala simbolu ta' l-ewwel nisrani f'din il-gzira taghna.

Elima: Is-Salib (jidhaq) Is-salib ghal gens tieghi huwa il-forka tal-qattiela.

Pubblju: Imma Pawlu ghallimna illi fuq is-salib miet l-Iben t'Alla maghmul bniedem li gie biex jifdina..

Elima: Inti temmen...? Inti temmen f'dan il-qerq...?

Pubblju: Ghandi l-akbar provi illi l-appostlu Pawlu jandem bil-qawwa lil lilu giet moghtija mis-sema.

Elima: Ukoll jekk huwa qattiel ta' l-innocenti? Ix-xabla tieghu taf tghidlek kemm il-darba hasilha bid-demm ta' l-insara.

Pubblju: Huwa dan ma jahbiehx li darba kien l-akbar ghadu tan-Nazzarenu,ma huwa ikkonverta,w d-dnubiet tieghu hasilhom bid-dmugh u bil-penitenza u Alla zejnu bil-grazzi Tieghu

Elima: X'prova ghandek ta' dan ?

Pubblju: Il-fejqan ta' missieri......sejjaht it-tobba kollha u meta kien ghoddu wasal f'xifer il-qabar,it-tobba qatghu jieshom minnu,izda Pawlu m'ghamilix hlief raddlu s-Salib u missieri fieq ghal kollox u dan qalu huwa illi ma ghamlux bis-setgha tieghu in-nifsu izda bil-qawwa ta' dak Alla wiehed li jista' kollox.

Elima: Huwa veru li kull fejn Pawlu qieghed imur jippritka il-Vangelu qieghed iqalleb ras kullhadd u ghalhekk il-Kunsill il-Kbir ta' Gerusalemm ikkundannah ghal-mewt.

Pubblju: Huwa appella quddiem Cesare u nista nassikurak illi f'Ruma sejjer ikollu rebha kbira......

Elima: Cesare iqim l-allat taghna u jkun gwaj ghal dawk kollha illi ma jbaxxux rashom quddiem is-slaten ta' Ruma.

Pubblju: Le...le... basta s-sakrifizzi quddiem l-idoli rumani. Dawl iehor tfacca fil-gzira taghna...kewkba gdida dawlet is-sema sabieh taghna:din hija d-duttrina ta' Kristu li gibilna mieghu l-appostlu Pawlu.

Elima: Neruni f'Ruma fetah il-widien tad-dmija bl-igsma tas-segwaci tan-Nazzarenu u din ix-xorti sejra tmiss ukoll lil din il-gzira......

Pubblju: Int min int, ghalik m'hawx post fid-dar tieghi!

Elima: Ghalhekk nista' nitlaq min fejn gejt ? Inti tkun iva l-isqof ta' dawn il-gzejjer, imma il-kbir ghadu gej..... L-infern kollu sejjer inqajjem kontra tieghk (jitlaq jigri b'dahqa satanika).

Pubblju: (li baqa' wahdu, isejjah) Sistu!

xena III

Sestu u Pubblju.

Sestu: (jidhol isellem profondament) Sidi......

Pubblju: Dak il-bniedem li hareg issa ma jogh ogobnix. Ghid lil kull-hadd li jekk kemm il-darba jerga jigi, ebda bieb ma jinfetah ghalih.

Sestu: Tkun obdut (ibaxxi rasu)

Pubblju: Issa ghid li kucciera biex ilestu iz-zwiemel u jmorru jgibu lil-appostlu Pawlu. Huwa jinsab hawn ma gembna , fil-ghar fejn soltu jlaqqa' lil dawk li qieghdin ihejju ruhhom biex isiru insara.

Sestu: Tkun obdut, sinjur tieghi. ( isellem u jirlaq)

Pubblju: Kollox car , ghandi quddiemi; il-kotba ta' Leninfi.... qerq, superstizjoinijiet...kollha duttrina falza. Id-duttri-na ta' Pawlu hija migbura mill-kotba imqaddsa li huma infallibli. Il-kelma ta' Pawlu hija ta' gherf infinit dahlet go qalbi u ebda setgha ma treggaghani lura. Il-fejqan ta' missieri hija l-aqwa xhieda tal-qawwa sopra-naturali tighu. Il-lum jiena kap ta' dawn il-gzejjer sejjer nigi konsakrat isqof....u hekk nitlama illi fuq l-ezempju tieghi, isiru ministri t'Alla ohra, biex inwaqqfu l-knisja, u l-kap taghha jkun Pietru, l-akbar fost l-appostli.

xena IV

Giulju u Pubblju.

Giulju: (jidhol u jaqla l-elmu minn fuq rasu) Princep, is-sijurija tieghek, tippermettili .....?

Pubblju: Ic-centurjun Giulju. Ghaddi. Il-presenza tieghek fid-dar tieghi, inhossa tferrahli qalbi. Il-bierah, missieri staqsini ghalik....

Giulju: Hekku, kullhadd ghadu jitkellem mill-fejqan ta' missierek. Ghadni gej minn hdejn l-appostlu Pawlu .........

Giulju: ......hemm trid tara....l-ghar intela bil-morda....
gejjin minn kull naha tal-gzira...ukoll minn Ghawdex
Kollha jistennew mirakli;ukoll jiena kelli ix-xorti
nassisti ghal wiehed mill-mirakli kbar:wahda mara
resqet ma gemb Pawlu b'binha li twieled ghama,l-Appostlu
poggа idu fuq ghajnejh,radd lu is-salib,u t-tfajjel
beda jara.Ahseb int dik il-qalb ta' omm...

Pubblju: Dan il-ferh hassejtu jien ukoll meta rajt lil missieri
jqum mis-sodda imfejjaq ghal kollox.Issa jinsab fuq
il-gholja tal-wardija biex ibiddel ftit l-arja....
meta tista' mur arah ghax jiehu gost bik.

Giulju: Bil-qalb kollha.

Pubblju: Giulju,poggi ftit ma gembi (ipoggu)Inti tassew suldat
qalbieni;Pawlu fahhrek hafna mieghi.

Giulju: Tjubija tieghu,u tieghek ukoll,Princep.

Pubblju: Jiena sa ftit ilu kont nghis irsir ta' hafna superstiz-
jonijiet u ghadura sensiela ta' allat foloz....ma dan
kollu ahna il-Maltin ninsabu ukoll taht il-madmad tar
Rumani.....u kellna t-twemmin taghhom ukoll.....Izda
kienet tassew Provvidenza illi t-tempesta xehtet lil
Pawlu fuq il-gzira taghna kif ukoll kienet Providenza
illi dahal gewwa dari u fejjaqli lil missieri;jiena
minn dak il-hin stess emmint fid-duttrina tieghu.Ghidli
ftit ,inti temmen fid-duttrina tieghu ?

Giulju: Kif nista ma nemminx.....Kienet il-fidi tieghu li helsit-
na mill-mewt.L-gharqa kienet zgura....izda huwa talab u
minn275 ruh li konna qeghedin nivvjaggaw hadd ma tilef
xaghra wahda bis minn rasu

Pubblju: Veru prodiggju. U ghidli,kont ircevejt il-maghmudija ?

Giulju: Wara li tghammidt int,kont wiehed minn ta' l-ewwel li
tlabtu jghammidni u mieghi tghamdu s-suldati kollha
li kelli jivvjaggaw mieghu.Jiena nistqarlek illi fl-
Appostlu Pawlu sibt it-tieni missier tieghi.

Pubblju: Kemm niehu gost nisimghek titkellem hekk. Dal waqt
narawh hawn maghna lil Appostlu.Inti smajta l-ahhar
hux tassew ....?

Giulju: Iva,qalilna huwa stess,illi il-lum il-princep Pubblju
ghandu jigi mahtur isqof ta' Malta. u Ghawdex.

Pubblju: Allura inti gejt ?....

Giulju: Biex nifrahlek u jkolli l unur nassisti ghal-fest
tieghek.

Pubblju: Ma stajtx taghmilli rigal isbah minn dan.L-Appostlu
Luqa sejjer ikun wiehed mill-par ini tieghi u inti tkun
l-iehor.

Giulju: L-iema unur. Tkun il-parrinu ta' l-ewwel isqof ta' Malta
Avolja m'inix denn,izda naccetta b'qalbi kollha.

Mixi bi' Zmienu →

Pubblju: (jistemghu mixi ta'zwiemel)Deherli li smajt iz-zwiemel jieqfu wara il-bieb.

xena V.

Sestu u ta' qabel.

Sestu: (jidhol) Sinjur tieghi,l-appostlu Pawlu jinsab hawn ma shabu u hawn xi insara ohra li gew biex jifirhulek.

Pubblju: Mur dahhal lil kullhadd f'din is-sala;kollox lest hux tassew. ?

Sestu: Kollox;hallejt lil qaddejja qieghdin ilestu il-mejda ghal-pranzu....

Pubblju: Tajjeb.(Sestu jsellem u jitlaq)Giulju,int ma Pawlu u shabu ,tridu taghddu tlitt ijiem mieghi.....

Giulju: Nizzik hajr,ma nghidlekx le,unur akbar mill-iehor.

xena VI.

Pawlu,Luqa,Trofimu,Arestarko,Onesmo,Pubblju u Maltin Insara. Giulju Sestu U Balam.

Pawlu: (jidhol l-ewwel wiehed,warajh Luqa,Trofimu,Arestarko, OnEsmo,Balam ma hafna Maltin u fl-ahhar Sestu.Lil Pubblju.) Il-barka tal-Mulej tinzel fuqek,o Princep Pubblju.

Pubblju: FuqKhom,il-gid u l-hena.(ibuslu idu)

Onesmo; Trofimu; Arestarko: Is-sliem ghalik,b-enefattur taghna. (jiehda b'id jn xulxin)

Pawlu: Gibt mieghi,iz-zejt w l-balzmu.L-appostlu Luqa sejjer ikun wiehed mil-parrinijiet tieghek.

Pubblju: U l-iehor ghazilitu jiena;ic-centurjun Giulju.

Pawlu: Bravu.L-akbar fost il-hbieb tieghi.Mistghu naghtu bidu. (johrog teka tal-fidda minn hobbu li fiha z-zejt w l-balzmu u bicca tajjara li jaghtiha f'idejn Trofimu;Sestu jmur Igib buqar tal-fidda u xugaman u jaghtihim lil Arestarko, u lil Onesmo;Pawlu jaqbad driegh Giulju u jpoggieh fuq l-ispalla il-lemenija ta' Pubblju,umbaghad jaqbad driEgh Luqa u jpoggieh fuq l-ispalla ix-xellugija ta' Publju.)

Luqa: Pagina ohra sabieha fl-atti ta' l-appostli:fuq spallejn l-ewliení tal-gzira ta' Malta jiena poggejt id-driegh tiegi biex permezz tal-kelma qaddisa ta' Pawlu jinzel jaghmar fir-ruh tieghek l-Ispirtu s-Santu.

Pawlu: Uliedi insara inzlu ghar-rkobtejkhom.(il-kor ta' l-insara jinzlu ghar-rkobtejhom;bicca muzka helwa tal-kompanja ic-ceremonja;Pawlu johrog pergamena mill-borza ta' hobbu u jibda jaqra minn tant l-ilsien,umbaghad jiehu t-tajjara

Pawlu: mit-teka, imcappsa biz-zejt u l-balzmu u jidlek il-qiegh ta' idejn it-tnejn ta' Pubblju, umbaghad jerga jaqra ftit iehor; hawn Arestarko jahsel idejn Pubblju u u imesmo jixxuttahomlu. Umbaghad xi hadd jnewwel stola irrakmata lil Pawlu ~~[illegible]~~ u Pawlu ilibbisha lil Pubblju fil-waqt lil minn taht l-ilsien ilissen xi kliem iehor) Mill-lum il-quddiem inti irRaghaj ta' Malta u Ghawdex u dawn huma il-hrief tieghek. (jaghmaq lil Pubblju u wara jagnnquh l-ohrajn ukoll; l-insara jinzlu ghar-rkobtejhom quddiem Pubblju u jbusulu idu. Pawlu lil Pubblju.) Issa dak li jien ghamilt mieghek, naghtik is-setgha li taghmlu ma haddiehor. Dak li jien rbadt fuq l-art, gie marbut fis-sema u kull min minn idejk jigi maghmued jew ikkonsagrat ghad jirxoxta biex imur joqghod fil-lenin tal-Mulej Alla il-missier li jista' kollox.

hid. dehab

Pubblju: (barra minn in-nifsu bil-ferh, jghid lil Pawlu) Missier tieghi, mill-lum il-quddiem ix-xewqat tieghek, ghalija jkunu kmand (ibuslu idu u jdur fuq Sestu) Sestu, morru gibu x-xorb ghal kullhadd u wara nghaddu fis-sala l-ohra ghal-pranzu (Sestu jidhol bix-xorb u jqassam, ix-xena tintela bil-ferh ta' kullhadd; fil-waqt li kullhadd qieghed inabbat it-tazza tax-xorb ma Pubblju, jidhol Elima f'nofs il-palk bhal sajjetta.) (musika allegra)

Muzika 8

xena VII

Elima u ta' qabel kollha.

Elima: (jidhol liebes kapucc f'rasu biex ma jingharafx u jaghmilha ta' ghama biex igarraq b'Pawlu.) Ikollkom hniena minn wiehed ghama. Smajt illi fid-dar tal Princep Pubblju jinsab l-appostlu Pawlu...... (kontra xena ta' kullhadd) Qaluli illi qieghed ifejjaq il-morda kollha, tlabt lil wiehed iwassalni hawn...... jekk fosthom jinsab fesquni ma gembu, halli nitolbu jaghtini d-dawl (ifittex b'idejh)

Pawlu: (jiffissa lil Elima) Inti qieghed tghid illi inti ghama... u sewwa qed tghid, ghaliex hadda ma huwa ghama daqsek. Izda inti tara daqs is-sriep minn ghajnejk, imma ruhek tinsab mitlufa f'dalma kbira (jerga jiffissah) Sahhar Elima, inti hbejt wiccek biex tingannani, izda jiena naqra gewwa qalbek ......nehhi dik il-maskra ta' traditur minn fuq wiccek.

Elima: (inehhi il-kapucc minn fuq rasu) Oh...inti taqra fil-qalb.. nistqarlek illi ukoll lili bdejt biex taghggibni: inti il-bierah kont l-akbar ghadu tan-Nazzarenu, u l-lum bil-kelma tieghek minn din il-gzira ghamilt tempju Tieghu. Garraft it-tempji kollha ta' l-idoli taghna; izda il-gwerra ghada ma spiccajtx hawn; nerghu niltaqghu f'Ruma u tkun it-taqtigha

Elima: ta' l-aħħar. Quddiem Neruni nagħmlu il-kontijiet tagħna.

Pawlu: (idur fuq l-insara) Ulìedi nitolbu lil Mulej illi jmis l-ilsna ħżiena bil-ġamar tan-nar bħalma l-anġlu miss xuftejn it-twajjeb Isaija biex ibiddel ħajtu.

Pubblju: Jiena tajt ordni biex dan il-bniedem ma jidħolx aktar fid-dar tiegħi. Jien il bniedem ġej minn nisel il Tezin.

Pawlu: (idur b'solennita' kbira fuq Elima) Saħħar Elima, nikkmandak, fl-isem t'Alla li għandu l-qawwa fuq l-Infern, ħalli din il-gżira (ikeċċih).

Elima: Inħalli din il-gżira, iżda qabel ma nitlaq, fuqha irrid nixħet żerriegħa li timpesta u tifga liż-żerriegħa li xħett int. (ifaqqa daħqa sataniku w jgħib mix-xena bħal sajjetta.)

Pawlu: Ulìedi, qiegħdin taraw b'għajnejkom illi d-demonju meta ma jistax ifixkel hu, jinqeda bis-segwaċi tiegħu. Dan huwa imsejken saħħar li fih jgħammru l-ispirti tal-ħażen. Jiena ma nistax nibqa magħkom ~~għal dejjem nitlob għalikom~~ għal dejjem, iżda nitlob għalikom, biex meta l-infern iqum kontra tagħkom, Alla jżomm idejh fuqkom u fuq uliedkom.

(ibierek lil kulħadd u tingħalaq il-purtiera.)

TMIEM TAS-SITT EPISODJU.

INTERVAL

## IS-SEBA' EPISODJU.

**********************

## PAWLU JHALLI L-GZIRA.

(Mis-stitt episodju, ghas-seba' jghaddi xahar biss)

persunaggi:

Pawlu
Luqa
Pubblju
Trofimu
Aristarko
Onesmo
Giulju
Balam
Sistu
Satana
Elima
Suldati Rumani
Insara Maltin

//////////////////////////////////////////

xena:

L-istess tal-hames att, igifieri: xtajta fil-gzira ta' Malta.

xena 1

Satana wahdu.

Satana: (jinsab fuq il-blat, jippassigga b'idejh wara dahru:) Liema umiljazzjoni......din il-gzira keccitni...... besqitli f'wicci......l-idoli tieghi imfarka...it-tempji tieghi maghluqa.....daqxejn ta' blata kella il-hila tishaqni tahtha......x'hin tahseb illi fil-belt kapitali tad-dinja, fic-centru ta' Ruma ghandi s-siggu tieghi ma gemb dak ta' l-imperatur Neruni u miljuni ta' nies jaqduni bhala irsiera tieghi..... jaduraw lili, lil Satana. (jghati daqqa fuq kwinta u minnha tohrog vampa nar) Barra min dawk il-ftit li jghixu fil-katakombi (jitbissem) u f'din il-holqa ta' gzira.....tlitt xhur biss kienu bizzejjed biex Pawlu minn Tarsu jirnexxielu jahsel lil kullhadd bl-ilma tal-Maghmudija u lil Pubblju jahtru bhala kap ta' l-insara. (jahseb) Ah..dak l-ilma tal-maghmudija...hadd ma jaf daqsi x'qawwa ghandu......

Satana: Kemm erwieh qieghed nitlef minn mindu gie moghti dan is-sagrament tal-Maghmudija..... u inti, sahhar Elima, xejn ma kellek il-hila taghmel ? Kien feragh illi gibtek mieghi f'din il-gzira......izda bi hsiebni nikkastgak gewwa Ruma.....Pawlu, inti tienu gost li umiljatni, izda jekk il-halel tal-bahar fihom ma sibtx it-tmiem ta' hajtek, nemm f'Ruma quddiem Neruni sejjer issibA [struck out] taht il-mannara. (jidhaq).

xena 11

Elima u Satana.

Elima: (jidhol jgharrex) Ghad m'hawn hadd.

Satana: (imur minn wara Elima u jghatih daqqa fuq spaltu) Inti tghid illi m'hawn hadd ? Jiena ninsab pingut fi hbub ghajnejk.

Elima: Mill liema bokka grigt, minn dik tal-mungibell jew minn dik tal vessuvju ? (jidhaq).

Satana: Hrigt minn gewwa r-ruh tieghek. Ghidli x'ghamilt, infami ? Tajtek dawk il-flus kollha u inti ma kellekx il-hila tatini ruh wanda minn din il-gzira; hallejt lil Pawlu jirbah il-qlub ta' kullhadd.

Elima: (b'hazen infernali) Oh. genju tal-hazen....ma tajtekx, ghad jghaddi z-zmien u inti tigi tohodli b'idejja. Izda Ghad irrid nerga inroddlok fidejk in-nies kollha ta' din il-gzira. F'dAn il-post Pawlu minn Tarsu nehha il-velenu minn halq illifgha, izda jiena, b'dik il-qawwa li tajtni, dak il-velenu ghad irrid nixhtu f'halq il-bnedmin u bid-dagna ghad iridu jishtu lil dak li nghaqad maghhom fis -Sagrament tal-Maghmudija : irrid nghid lil Gesu Kristu.

Satana: Elima, kemm ilek taghmilha mieghi, ghoddok sirt genju tal-hazen bhali. Issokta kellimni.....Allura....?

Elima: Allura l-opra ta' Pawlu terga' ssib il-qabar taghha, u t-tempi jergghu jinfethu ghal-gieh ta' l-allat taghna.

Satna: Nibza illi tard wisq .....

Elima: Qatt ma hu tard ghaz-zmien li ghandna quddiemna....

Satana: Imma int perswas illi f'dil il-gzira [struck out] m'ghandniex ghalfejn noqoghdu izjed ? Jekk il-Golgota saret ir-refugju ta' l-insara kollha din il-gzira saret id-dar t'Alla; Pawlu ikkonvertiha ghalih u inti bqajt frisk bhal ward il-hena.....

Elima: Bhal ward il-hena .?(jitbissem) Nistqarlek illi eser-citu ta' dimonni ma kienux jaghmlu dak li ghamilt jien.

Elima: Habbatt bieb bieb, qassamt flus, ipprigkajt, ghamilta ta' ghama biex inwaqqa ghac-cajt il-mirakli ta' Pawlu, urejt sharijiet ta' kull xorta, izda kien kollu ghal xejn, ghax kullhadd ghalaqli l-bieb f'wicci, .......

Satna: Allura fejn hija dik is-setgha li jiena tajtek ? Qieghtlek l-infern kollu gewwa r-ruh indannata tieghek.

Elima: Ga ghitlek , sinjur sabieh tieghi.....(qwazi f'widnejh) jiena ghandi medicina li bhal velenu toqtol irqiq irqiq, u biz-zmien issir bhal pesta bubonika, jiena fdin il-gzira li Sawlu sejjer inhalliha bhal warda immakulata u kkonsagrata lil Gesu' Kristu, sejjer nibda biex inteb-baghha bil-vizju tad-dagha. Jghaddi seklu, jghaddu tnejn, u din il-warda bajda tihda tisswied u tidbiel. Allura l-isem ta' Sawlu bitqtaghlim tieghu, jintesa, u inti Satana, fuq din il-blata terga' twaqqaf it-tron tieghek.

Satana: Bravu sahhar Elima, din id-darba ghogobtni....sewwa jghidu li xi drabi l-iskular jisboq lis-surmast tieghu....inqas jien bid-dawl kollu ta' gherfi ma wasalt f'dan il-hsieb. Tajjeb...il-vizzju tad-dagha ikun il-kankru illi jeqred l'Alla minn din il-gzira. Elima mela inti mur ibda din il-missjoni tieghek u jiena intir ghal Ruma. (dahqa twila u johorgu t-tnejn.)

xena lll

Balam wahdu, umbaghad Elima u wara Giulju.

Balam: (jidhol inkurlat u kwazi jitdghi) Fejn hu ? Hux minn hawn ghandhom jitilqu ? Nistenna ....u hekk kif nilmah lil Appostlu Pawlu ma nafx min sejjer izommli ilsieni ....

Elima: (jidhol u jmur fuq Balam) Habib tieghi, ghidli, nista' naqdik f'xi haga....? ~~mmm~~ Nista' naf xi gralek...?

Balam: Grali illi marti riedet bil-fors tghammed lil ibni u ghalkemm jiena lil Appostlu Pawlu habbejtu ,la jiena u l-anqas lil ibni marrid li nitghammdu, imma marti bil-mohbi tieghi tghamdet u maghhha ghamdet ukoll lil ibni; ma lahqu ghaddew saghtejn illi ma nsibx lil ibni mejjet. Allura bdejt nishet dak il -mument li Pawlu riefes fuq il-Gzira taghna, bdejt nishet it-taghlim tieghu u bdejt nishet lil kull min jigi quddiemi.....

Elima: Ghandek ragun; fid-dagha wiehed isib il-konfort tieghu; umbaghad dan jidher car illi l-appostlu Pawlu kien hu illi qatillek lil ibnek.....izda m'ghnadekx ghax tikkon-fondi.....hudni mieghek id-dar u tara kif nirxoxtahhulek jiena........ Imma bil qawwa kbira li għandi.

Balam: Inti tirxoxtali lil ibni ? Jekk inti troddli lil ibni haj fi hdani, dan ir-raba jkun kollu tieghek.....

Elima: Halli il-kas fil-qawwa tas-sharijiet tieghi u tara kif Pawlu hdejn is-setgha tieghi m'hux hlief bniedem impustur Immorru.(fil-waqt li Balam ikun hiereg ma Elima,jidhol Giulju min-naha l-ohra u jilmah lil Balam hiereg ma Elima imur jigri u jifred lil Balam minn Elima;Giulju jerga jidhol ma Balam qed Izommlu halqu biex ma jhallihx jitkellem.)

Giulju: Le Balam,tidghix b'dak l-Isem li Pawlu ghalmek tant thobb.

Balam: (jinfexx f'bikja) Inti taf xi grali,centurjun ?..... Taf xi grali......?

Giulju: Naf ,iva,missetek xorti kbira.....

Balam; Xorti kbira,tara lil ibnek wahdAni,ninxur mejjet quddie-mek......mur Arah hemm fuq is-sodda donnu demmu ghadu jbaqbaq

Giulju: Xorti kbira,nghid. Ahseb ftit: tmut wara li tircievi is-sagrament tal-maghmudija....oh kemm hija grazzja kbira.Inti ghandek tifrah i tfahhar l'Alla li hadulek mieghu fil-glorja.

Balam: Imma x'inti tghidli Giulju ? Nifrah bit-telfa ta' ibni Flavju. ?

Giulju: U zgur .Malli ibnek inhasel bl-ilma tal-maghmudija ir-ruh tieghu saret bajda bhal gilju;huwa ghalaq ghajnejh ghal din id-dinja u bhal angli ittajjar ghal hdan Alla. Dan hu it-taghlim ta' l-appostlu Pawlu....

Balam: Ma nistax nifhem.....

Giulju: Ghandek ragun,ghaliex inti ghadek qatt ma kilt il- Hobz ta' l-Angli,izda meta inti tircievi il-maghmudija bhali u f'sidrek jigi jaghmar Kristu haj,allura tibda tifhem. Kuragg,Balam,ibnek issa jinsab fis-saltna tas-sema f jn hemm l-angli bhala ward,fejn ix-xemx ma tinzel qatt.Huwa minn qalb dAwk il-kwiekeb sbieh qiEghed ihares lejk, jitbissimlEk u jitlob ghalik biex ir-raba tieghek ihaddar u jghammar bil-qamh u bil-frott,biex il-merhliet tan-naghag tieghek jitkattru,biex ikollok il-paci fir-ruh,u fil-familja...

Balam: Le,qatt izjed ma jista jkolli il-paci....

Giulju: (jaqbad lil Balam bhal huh u jghanqu) Balam, inti ghamilt hafna mieghi,zammentni xahrejn shah fid-dar tie-ghek,u nhoss ruhi ifFortunat illi il-halel tal-bahar, xehtuni fuq din il-gzira...kemm jiena rikonoxxenti... inti tajjeb hafna,izda qabel innalli lil din il-gzira nixtieq illi inkum nista insejjahlek hija f'Gesu' Kristu. Minn hawn u ftit iEhor l-appostlu Pawlu ghandu jkun hawn biex nimbarkaw flimkien ghal Ruma;qabel ma jitlaq ,itolbu il-maghmudija ta' l-insara.....

Balam: Giulju,taf li jiena habbEjtek bhal hija,inti tassew qalbek tajba,u mhux ta' xejn li PAwlu habbek u fahhrek

Balam; ma kull min isemmik, izda nitolbok, tisforsanix nghamel dak li ma nhossnix li nghamel.......

Giulju; Inhallik fil-liberta' tieghek, izda il-vjagg tieghi ikun bhal pellegrinagg ta' talb u ta' penitenza ghal konversjoni tieghek.

xena IV.

Malti, Giulju u Balam;

Malti; (jidhol jigri ferhan u jmur fuq Balam.) Nghallem, nghallem. Hwejjeg tassew ta' l-ghageb....l-appostlu Pawlu li ghammed lil ibnek sena' bil-mewt tieghu, dahal fid-dar tieghek, reqaq fuq il-katavru, raddlu s-Salib u ibnek qam mil-mewt.

Balam; (imsammar) Inti qedgtghid is-sewwa ? Ibni Flavju rega ha l-hajja ?

Malti; Bhal ma kien qabel, nghaannaq ma ommu jinsab ferhan irid i itir; wiccu bil-wardiet, ghajnejh ipeqqtu donnhom zewg kwiekeb u jigri qisu cerv.

Balam; (mistghageb) Allura ghandi nemmen fil-mirakli ta' Pawlu?

Giulju: Kif m'ghandekx temmen ? Rajnieh jghati id-dawl lil-ghomja, jmexxi lil mghatubin, u ma nistghagibx illi qajjem lil ibnek mil-mewt....

Balam; Donni ma rridx nemmen lili n-nifsi jekk ma narax b' ghajnejja....

Malti; Trid tara b'ghajnejk, sidi ? Arah hawn lil ibnek gej mimli bil-hena, u bill-troffa!

xena V

Flavio u ta' qabel.

Flavio; (jidhol ferhan u jmur jghannaq lil missieru) Missier.

Balam; (Parra minnu n-ifsu bil-ferh, jaqbad lil Flavio, jerfghu u jbusu Kemm il-darba) Ibni l-ghaziz. jiEna hallejtek id-dar mejjet. Miccek kien donnu nghanul mix-xama' Vergni w l-qabar kien diga miftuh ghalik. Imma dah kif ? Ghidli, kif ?

Flavio; Missier jiena xejn ma naf...... hassejt bhal nghasa helwa u rqadt.....u sibt ruhi f'dinja ohra.....izda fuq il-gmiel taghha xejn m'ghandi l-hila nghidlek, ghaliex ruhi f'dak il-gmiel intilfet bhal ma tintilef kewkba meta tin~~tila~~ titla x-xemx. Wara bhal min jistenbah minn holma, miftah ghajnejja, u lil min insib quddiemi ? Lil dak li ghammidni.

Giulju; L-appostlu Pawlu qajmek mil-mewt? (ibus lit-tifel u jdur fuq BALAM) B'Kemm ~~....~~ qieghed tara B'ghajnejk .

Balam; Ruhi tinsab imhawda ghal-lahhar..... ( lil Flavio) Ibni inti x'ghidtlu lil Pawlu?

Flavio: Ksejtu bil-bews;xhettlu hafna fjuri fuq wiccu,iddendilt ma hwejgu u ma ridtux johrog mid-dar..... umbaghad ommi taghtu garra mimlija bil-ghasel biex johodha miegha ghal-vjagg u jiena ssoktajt inzommu biex jibqa maghna,izda huwa qalli li sarlu il-hin biex ihalli din-il-gzira taghna....

Balam: immorru nilteqghu mieghu,jien ukoll irid nurih li nafulu billi naghtih din il-gawhra.Dan ic-curkett li missieri hallieli huwa l -akbar tezor li ghandi,naghtih lil appostlu Pawlu izommu tifkira tieghi;halli immur insejjah lil nadaiema kollha tieghi biex naghmlulu festa kbira.Mahbub Giulju,f'idejk sejjer inhalli ghal ftit lil ibni;dalwaqt tarani hawn mill-gdid....

Giulju: L-appostlu hawn qalli biex nistennih,ghaliex minn din ix-xtajta ghandna nimbarkaw fuq il-bastiment Lixandrin.

Balam: Tajjeb,nigu biex naghtuh il-vjagg it-tajjeb (jitlaq hafif)

Giulju: (lil Flavju) Isma l'hawn,habib ckejken tieghi;inti ghadek zghir u ma tistax tifhem x'ghamel mieghek Pawlu,izda meta tikber u tifhem il-ghageb kbir li wettaq fik l-appostlu, inti tbierek il-migja tieghu f'art twelidek,ghaliex tassew inghidlek illi fost it-tfal ta' din il-gzira,inti l-aktar wiehed iffurtunat. (ibusu fuq gbinu)Issa inti x'rigal sejjer tghamillu ?

Flavju: Naghtih il-harufa tieghi.

Giulju: Le,wieghdu li tibqa dejjem tifel tajjeb.....u min jaf Alla xi jrid minnek....issa jiena,ckejken tieghi ma ndumx ma nitlaq u nhallik...

Flavju: Sejjer thallini ?Issa ma nilbsux aktar l-elmu tieghek,u ma jkollix ix-xabla biex nogghod nilghab biha...

Giulju: Izda jkollok lil Gesu' mieghek.U xi twieghdni li taghtih lil Gesù li qajmek mill-mewt ?

Flavju: Naghtih ruhi u kull ma fiha.

Giulju: Bravu(jerga jiksih bil-bews) Missierek gej lura mal-haddiema tieghu;jinhtieg li nitolbu ghalih.

xena VI.

Balam,Giulju,Flavju u Maltin.

Balam: ( jidhol l-ewwel wiehed b'fergha taz-zebbug f'idu u warajh haddiema Maltin insara bi friegha taz-zebbug,fjuri u xi whud ghandom ukoll xi rigali) Hutti Maltin:inqas jiena ma ridt nemmen fil-mirakli ta' Pawlu,izda issa nemmen ukoll rajtuh lil ibni mejjet.... arawh hemm issa,mimli bil-hajja...

Maltin: Viva l-appostlu Pawlu!

Balam: Jiena gibtkhom hawn mieghi biex minn fuq din ix-xtajta naghtuh it-tislima taghna ta' hajr u ta' imhabba ghal l-ahhar darba.

Giulju: (li kien hareg ghal ftit issa jerga jidhol ma 4 suldati Rumani shabu) L-appostlu wasal ma hbiebu,hemm ukoll l-isqof Pubblju.

Balam: (mal-haddiema jghajtu w jxejru il-frieghi taz-zebbug) Viva il-missier taghna Pawlu.Viva l-isqof taghna Pubblju(xi whud jibdew jixhtu il-fjuri)

xena Vll

Pawlu,Luqa,Trofimu,Arestarko,Onesmo?pubblju,Sestu,Giulju, Balam?Flavju,suldati Rumani u haddiema Maltin.

Pawlu: (jidhol l-ewwel wiehed,warajh Luqa,Trofimu,Arestarko, Onesmo,Pubblju liebes ta' isqof u Sestu.Ghad-dahla taghhom,Balam mal-Maltin jinfexxu f'ghajjat ta' ferh u "Evviva l-feddej taghna" ixejru il-frieghi taz-zebbug u jixhtu xi fjuri;Pawlu u hbiebu barra minnhom infushom bil-ferh.) Ulied....jiena sejjer inhalli din il-gzira taghkom..u tistaghgbux jekk taraw wicci maksul bid-dmugh, ghaliex qalbi intrabtet maghkom u int hom sirtu uliedi u jiena missierkom f'Gesu' Kristu.Il-fidi rabtitna u ghamlitna haga wahda....mgharkom jigu t-tempesti,iqumu rwiefen w halfel tal-bahar jkunu jridu jfarku din ilblata,izda Alla jkun maghkom u Marija tipprotegikom....

Maltin: Viva l-missier taghna Pawlu.

Balam: (imur quddiem Pawlu) Appostlu,il-mewti tieghi ghada imdelma.....tista tghidli darba ghal dejjem min hu dan Alla li ghal ftit zmien ilek ixxandar f'din il-gzira ?

Pawlu: (idur fuq Flavju) Inti ckejken li bhali kellek ix-xorti li b'ruhek titla' fis-sema,ghidilhom min huwa dan Alla li rabtilna qlubna bhal ahwa.

Flavju: (ispirat) Alla huwa dak li halaqni, tani lil missieri u 'l ommi,itellghali x-xemx u fil-ghaxija johroghli l-qamar,jitraghni l-hobs u jisqini l-ilma,ilibbisni bis-suf tan-naghag,jghatini l-hajja biex naqdih u qieghed jistennieni biex immur ingawdih fis-sema(Balam jersaq ma gemmu ,u jbusu)

Pawlu: Tfajjel,ruh il-qodos tkellem bix-xufftejn tieghek(hoss ta' l-ankri telgħin minn gewwa il-bahar)Il-bastiment talla' l-ankri biex nitilqu;nghidli ghaliex sejjer inhalli din il-gzira u wiehed mil-hbieb tieghi ghadu ma rcieviex l-ispirtu s-santu bis-sagrament tal-maghmudija. ( Jkorus lejn Balam. )

Balam: (imur jinxtehed jahki f'riglejn Pawlu) Qaddis Pawlu, le inti ma titlaqx qabel madghalni fil-merhla tieghek ghax jien ukoll irrid inkun ibnek u inti missieri. Nitolbok tahfer l-erruri tieghi kollha,specjalment id-dagha fahxi li ghadu kemm hareg minn fommi........

Balam; Le, mil-lum il-quddiem ma nkunx jien li b'ilsieni intabba' din il-bieta bajda, mahsulha bil-gharaq ta' gbinek sakemm ikkonvertejtha (jinzel ibus riglejn Pawlu, u fil-hin jistama' lehen Elima jghajjat bhal bniedem ossessat)

l-ahhar xena.

---

Elima u ta' qabel kollha

Elima; (jidhol u jmur f'nofs il-folla; lil Pawlu) Imma kif ghandek il-wicc tost li tibqa ' fuq din il-gzira ? Ma tarax illi kullhadd qieghed jishet il-miġja tieghek; qieghedin jidghu bil-profeta ta' Nazareth.

Pawlu; Ja bin l-infern, mill-gdid quddiemi bil-qerq w l-gideb tieghek biex tisraqli l-ahjed is-sema ?!

Elima; Huma hafna li qieghdin jidghu bin-Nazzarenu, u jekk ma ddabarx rasek, ghandom hila jigu jhaggruk....

Pawlu; Jien li diga erfajt il-katniejen fil-habs ghal l-imhabba ta' Alla, ma inix sejjer nibza mit-theddid tieghek u sal-mewt nibqa niggorr is-salib ta' Kristu; dak li ma lahaqx ghamlu Hu, irrid nghamlu jien sakemm fl-ahhar nissallab mieghu.

Elima; Ukoll Pietru gewwa Ruma webbes rasu, izda hawn sejjer jispicca. Ostjos kien kollha ċiċ Ruma.

Pawlu; Naf kollox u ghalhekk sejjer hdejh ghaliex Pietru u Pawlu flimkien ghandom igibu il-palma tal-Martirju.

Elima; Int nigaun; (idur fuq il-folla) Maltin, inthom issahhartu wara dan il-bniedem ghax rajtuh jghamel l-ghegbijiet u ssintu fid-duttrinatieghu, izda jien Elima ghadni qatt ma urejtkom il-qawwa tieghi; jekk nghidilkom li ghandi l-qawwa ntir u nitla' hdejn dik ix-xemx, tatuni kelma li temmnu fija ........?

Maltin; Irridu naraw.----

Elima; Jiena ninsab lest biex bhal Pawlu nitla sat-tielet sema u hemm hemm nixhet il-gid kollu li tista' tghati d-dinja. Istennew il-harsa taghkom fil-bergh ta' dan il-banar u ibghu harsu lejja sakemm nghib u nerga nigi hdejkom. (jonrog u l-ohrajn kullhadd harjus)

MUZIKA 9

Balam; (wara pawsa twila) Oh..harsu.....harsu..tassew.diga nqata' mill-art (karkita' kbira fuq kullhadd)

Pawlu; (nimi totit l-ilsien) Allaj tieghi, tippermetti qatt illi l-infern jirbah fuq il-kelma ta' l-Iben Tieghek.

Balam; Imma harsu, dan bil-fors illi huwa xi alla illi ghadu m'muxx mgharuf....ghddu tiela...jidher donnu qata' nifsu. (PAWLU, LUCA ARESTARKO, Trofimu, Onesmo u Pubblju, jinzlu ghar-rkobtejnom jitolbu bi hrara kbira)

Pawlu; Fl-isem t'Alla, tieqaf is-setgha ta' Satana.

Giulju: (li mar ukoll jhares) x'inhu li gara issa, ejjew harsu (il-Maltin imorru jharsu aktar kurjuzi) Waqaf... m-ghadux tiela izjed....shaba sewda infirdet minn mieghu.. Niezel....attenti ghaliex jaqa' fuqna....(il-folla twarrab u Elima jaqa' f'nofs il-palk u jibqa donnu mejjet)

Pawlu: ( li kien qed jitlob, iqum u jmur fuq il-katavru ta' Elima) Uliedi , ghat -ieni darba rajtu il-qerq tad-dimonju. Il-genju tal-hazen irid jondilkom il-fidi li gibtilkhom jiena, izda t-talb wasal sa hdejn it-Tron t'Alla. Waddbu lil dan id-disgrazzjat f'qiegh il-bahar(xi uhud jiehdu il-gisem ta' Elima u johorgu bih)

Balam: Appostlu Pawlu;, dan il-fatt aktar sahhah lil-fidi li inti gejt tassew mibghut fostna mill-veru Alla biex tghallimna segwaci ta' Kristu; aghmidni bla telf ta zmien.

Pawlu: Hekku n-naghga mitlufa; jiena minn Malta ippritkajt il Vangelu ta' Kristu w l-mulej wassal lehni fil-Gzira T' Ghawdex, hekk ukoll lenn Ibnek wasal sas-sema u b' qalbi tghum f'bahar ta' hena ,jiena sejjer nghamdek. (muzika; Pawlu jersaq ma gemb blata, jaghmel sinjal tas-salib u b'miraklu johrog l-ilma minn gol-blata; kontra xena u komment ta' kulhadd; Pawlu jimla' ftit ilma f'idu u jmur fuq Balam, jixhetlu l-ilma fuq rasu u jaghmillu il-forma tal-maghmudija, fil-waqt li minn tant l-ilsien jghid xi talb; lil Balam) Ukoll Alla uriek illi jridek Tieghu, billi nix-xejn hareg l-ilma li bieh ghammittek u inti mil-lum il-quddiem jisimek Pawlu Ghali,(Balam jaghmlu u jbuslu idu)

Balam: Hizzik hajr talli raddejtli din il-hena gewwa qalbi. Issa nitolbok, taccetta dan ic-curkett, biex izzommu tifkira tieghi,(jaqla c-curkett minn sebghu u jaghtih lil Pawlu; Flavju jmur jitghannaq ma Balam)

Giulju: (lil Balam bil-hlewwa) Hajjini nifrahlek, nija (jghannaqu) nixtieqlek kull gid u hena.

Pawlu: Appostlu Luqa, x'naghmlu b'dan ic-curkett ?

Luqa: (idur fuq il-Maltin) ( minn hawn sa l-ahhar, ix-xena ghandha tkun hajja u bl-akbar intuzjazmu)

Uliedi fil-Mulej: jiena hallejtilkhom pinguta fuq blata ix-xbiha tal-Madonna, biex tkun l-Omm minn taghkom, biex tkun il-kewkba li tibqa ddawwal dawn il-gzejjer taghkom u tiddukrakom mill-assalti ta' l-Infern u tal-profeti foloz; hallejtilkhom ix-xbiha ta s-Sultana tas-sema u ta' l-art biex issaltan fir-ruh taghkom; fin-niket taghkom morru quddiema u itolbuha biex tkun il-ghajnuna taghkom Ghalhekk nistidinkom illi din il-gawhra prezzjuza tpogguha quddiem dak il-gilju purissimu tal-Madonna

Luqa: biex tissiggillaw il-fidi taghkom sakemm ix-xemx tibqa' 'tiddi minn zmien ghal zmien.

Pawlu: (lil Balam) Il-parir ispirat ta' l-appostlu Luqa huwa ta' min ifahhru; wara it-tluq taghna, morru pellegrinagg dritt ghal grotta fejn l-appostlu Luqa hallilkhom ix-xbiha tal-Madonna u din il-gawhra dendluha maghha bhal kaparra ta' l-imhabba taghkom.

Maltin: Viva Marija.

Pawlu: (b'solennita' kbira)(u b'qalbu maqsuma, kwazi jibki) Uliedi il-bastiment, talla' l-ankri u ahna wara tlitt xhur li ilna maghkom, jinhtigilna inhallikhom: fil-persuna tal-princep Pubblju ghandkom taraw lili; qatt la tinfirdu minnu, huwa jkun ir-raghaj taghkom u inthom tkunu il-merhla tieghu. Ahna tajnieh is-setgha biex imexxi il-knisja li twieldet gdida ta Gesu' Kristu fil-gzejjer taghkom; qisu li tghixu bil-kelma tieghu, u l-fidi li tajnikhom tibqa ssaltan fikom sa tmiem id-dinja.

Pubblju: Appostlu tal-gnus u Mghallem taghna, kemm nixtieq illi tibqa maghna; imma galadarba jkellok bil-fors thallina, jien inwieghdek illi niehu hsieb il-merhla illi ghogbok terhili f'idejja. Inti ghogbok taghtarni isqof u jiena naghtik kelma illi ismek ma jmut qatt fil-gzejjer taghna (idur fuq il-haddiema) Uliedi f'Gesu' Kristu, harsu hemm fuq dik il-gholja tal-Wardija.....dak il-~~...~~ palazz tieghi sejjer inbiddlu f.tempju tal-veru Alla biex jibqa bhala ~~...~~ munument, b'tifkira tal-miggja ta' l-appostlu Pawlu fil-Gzejjer taghna.

Maltin: Viva l-appostlu Pawlu, viva l-Isqof taghna (Pawlu johrog maktur u jixxotta d-dmugh li qed jaqsillu wiccu)

Trestarko: Twajba Maltin, kif qieghdin taraw, l-appostlu qalbu maqsuma u naqdejh mahsula bid-dmugh ma jiflahx ikellimkom izjed... Issa li inthom kissirtu l-idoli kollha moqziezu, wara Alla u 'l-Omm Tieghu Marija, minn issa il-quddiem, zommu bhala missier taghkom lil appostlu Pawlu...

Maltin: Viva il-missier taghna!

Trofimu: Ifirhu iva, ghaliex Pawlu ghalikom kien it-tieni Elija, kien it-tieni Noe li fdiekhom mill-gharqa ta' dejjem; kien Abram iehor; Pawlu kien it-tieni Isakk ghaliex ta lilu n-nifsu l-art u l-is-sema; kien ghalikom Giovanni il-Battista ghaliex hasilkhom bl-ilma tal-maghmudija; Pawlu kien ghalikom it-tieni Mose' ghaliex bhalu heliskhom mill-jasar tad-demonj u fl-ahhar, halluni nghidilkom, illi l-appostlu Pawlu kien ghalikom it-tieni Guzeppi ta' l-Egittu, ghaliex gibilkom l-ikel ta' l-angli, il-Hobs tas-sema, l-Ewkaristija Mqaddsa.

Maltin: Evviva l-appostlu Pawlu Missier ta hna.(Pawlu qalbu tinqasam ghalkollox, jaghtti... wiccu u din id-darba jibki u jolfoq)

Luqa: X'tezor uliedi;meta fl-aħħar cena Gesu' qabar id-dixxipli tiegħu biex jieklu c-cena ta l-Għid miegħu,huwa hekk nar jgħidlihim; Min jiekol u jixrob mill-Gisem tiegħi, jaqsam il-ħen a ta' dejjem"u kif Ruħ il-qodos niezel fuqhom hekk nixtieqilkom li jinżel jgħammar fir-ruħ tagħkom ukoll.

Balan: Ikun imbierek dak id-dritt li nostbok ta' ħdejna.

Maltin: Ferħ u hena lill l-appostlu tagħna!

Onesmo: Ħalla lili ukoll naqsam dan il-ferħ magħkom;huti f'Gesu' Kristu,jiena ukoll darba bħal serp kont nitkaxkar qalb it-tajn tad-delitti u id-dejja kienu jintnu bid-dmija ta' l-insara,izda kien Pawlu li refgħani u ħasilni fil-fonti u wara li saffieli ruħi,ħatarni ministru t'Alla;gieħ u glorja lill-appostlu tal-gnus kollha(jinżel ibus id Pawlu)

Maltin: Gieħ u glorja lill ulied Iżrael.

Pawlu: Uliedi;il-Knisja ta' Kristu qiegħda kulljum tikber u l-għadewwa jikbru magħha....ngħidilkom itolbu biex taħt is-sema tagħkom tiddi dejjem il-gawsalla tal-paci,biex l-ilma illi jbus il-blat tagħkom,ikun balzmu,biex il-ward li jikber ma dwarkom,ikun ta'imħabba,biex ix-xemx li dawwalkhom,tkun il-fidi....biex il-qamħ li jikber fir-raba, ikun l-ikel tar-ruħ tagħkom;kunu ix-xebħ ta' Kristu,kif dejjem kont jiena...u hekk gurnata nistgħu niltagħu ilkoll fir-renju tas-sema(kommoss għall-aħħar)Uliedi... jiena sejjer inħallikom(jiftaħ dirgħajh ,għamla ta salib biex jilqa lil kullħadd fi Ħdanu) Nixtieq nibqa dejjem magħkom...izda ma nistax...jiena sejjer ninfired minnkom imma Gesu' jkun dejjem magħkom

Balan: Le..le.. missier u ħexxej tagħna,ma rridux li tħallina weħidna...ma nħallukx tmur.

Maltin: LE..le ..ma tħallinix (ispagħ kbira)

Pawlu: Ma jistax ikun,uliedi,f'Ruma qiegħed isejjaħli d-dmir tiegħi.

Balan: F'Ruma hemm il-mewt qiegħda tistennik....jiena naf kollox, iċ-ċenturjun Giulju qalli kollox...ma nħallukx tmur.

Maltin: Le..f'Ruma ma nħallukx tmur(xi ħadd jimorru jżommu lil Pawlu)

Giulju: Ħuti,aħfruli,intom tixtiequ ħaġa impossibbli;jiena lill-appostlu tagħkom nħobbu,izda jiena għandi d-dmir li nippresentah lil Cesare,u jekk ma jmurx xorta waħda tmissu l-mewt taħt is-setgħa tal-konsli Ruman li jinsab hawn Malta.trridu tarew l-art tal-Gzira tagħkom maħsula biddemm tiegħu ?

Maltin: Le...majkun qatt.

Giulju: Mela ħallu din il-missjoni li ħadejt f'idejja (imur jaqbad lil Pawlu u jgħidlu;għandi tama li quddiem l-Imperatur Neruni tirbaħ tkanta l-akbar vittorja.

Pawlu: Ulied: (jibki) Fl-ahhar mill-ahhar x'hemm aktar sabih milli tittajjar fi hdan Alla bil-palma tal-martirju f'idejk? (jintefa' f'bikja kbira) Addio, niltaqghu il-genna (jghannaq lil Publju u lil Balam u jitlaq jonhrajn kollha f'sikta kbira ibushom kollha. Flavju gustus, gustus imur jibki f'rokna ghalih wahdu bhal ma jghamlu t-tfal izghar. Giulju johrog lil Pawlu bil-ahbar hlewwa; warajhom Luqa, Aristarku Trofimu, Onesmu u fl-ahhar l-4 suldati Rumani; fix-xena baqa Publju, Balam, Flavju, Sestu u Maltin; fuq il-Polk taqa' nemda ta' swied il-qalb u ma jinsatmax hlief il-biki ta' Flavju.

Publju: (imur bil-mod fuq Flavju) Ckejken Flavju, ghandek ragun tibki u ahna nibku mieghek ghaliex sfajna iltiema; imma issa hemm jiEna u tara kif meta tikber, jiena stess nikkonsakrak sacerdot biex tkun tista' tghini insalva l-erwieh... Kuragg. immEla (imur fuq il-Maltin) Intom ukoll ulied... (jinhares lejn il-bahar) Izda hekk... l-appostlu Pawlu jinsab ga fuq il-bastiment... il-bastiment beda jitharrek.... l-appostlu ma nbiebu qieghdin ixEj'ru bil-maktur.... hawn lemahhom.... b'idu qed ibus il-Gzira taghna. (hawn Publju, SEstu, Balam u Flavj johorgu il-maktur u jibdew ixEjru; il Maltin ixejru bil-friegni taz-zebbug li ghad ghandom f'idejhom; bicca muzika allegra taghlaq l-ispettaklu.

Maltin: (fl-eqqel tal-entuzjazmu) Viva il-Missier taghna... Viva d-dawl taghna... Viva l-appostlu Pawlu.. (ixejru dejjem l-imkatar; hawn titla x-xemx u minn taht ix-xemx f'xefaq il-bahar jidher il-bastiment fil-boghod, bil-qlugh abjad. Il-muzika aktar titqawwa, l-ghajjat tal-Maltin jikber u fost l-ghajjat ta' evviva "Missierna l-appostlu Pawlu" u fost it-tixjir ta' l-imkatar u l-friegni taz-zebbug tinghalaq il-purtiera.

TMIEM TAD-DRAMM

4 ta' Gunju 1957

Sliema Malta.